



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.6.2007
KUMM(2007) 315 finali

2007/0118 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

LI JISTABILIXXI L-IMPRIŻA KONĠUNTA SEMA NADIF

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2007) 773}

{SEG(2007) 774}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs) ġew introdotti fis-7 Programm Kwadru ta' Riċerka (FP7) bħala mezz għall-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi-privati fir-riċerka fil-livell Ewropew. JTIs huma espressjoni ta' l-impenn sod ta' l-UE biex jiġu kkoordinati l-isforzi, b'hekk jikkontribwixxu għat-twaqqif ta' Żona Ewropea tar-Riċerka u l-għanijiet tal-kompetittività ta' l-Ewropa.

Il-JTIs jinqalgħu l-aktar mix-xogħol tal-Pjattaformi tat-Teknoloġija Ewropej (ETPs). Fi ftit każijiet, l-ETPs kisbu skala u ambitu ta' livell tali li se jinħtieġu l-mobilizzazzjoni ta' investimenti kbar pubbliċi u privati kif ukoll riżorsi sostanzjali ta' riċerka biex jimplimentaw elementi importanti ta' l-Aġendi Strateġiċi ta' Riċerka tagħhom. Il-JTIs huma proposti bħala mezz effettiv biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' dawn l-ETPs.

Fil-Programm Speċifiku Kooperazzjoni, il-JTIs huma identifikati potenzjalment f'sitt oqsma: l-idroġenu u ċ-ċelloli tal-fjuwil, l-aeronawtika u t-trasport bl-ajru, il-mediċini innovattivi, is-sistemi kompjuterizzati dedikati, in-nanoelettronika u l-GMES (il-monitoraġġ is-sorveljanza globali għall-ambjent u s-sigurtà).

L-għan tal-proposta huwa li tinħoloq l-Impriża Konġunta SEMA NADIF bħala sħubija pubblika-privata li tippromwovi rabtiet sodi bejn organizzazzjonijiet differenti u tibni fuq il-kapaċitajiet Ewropej tar-riċerka u l-iżvilupp (R&D) fil-qasam ta' l-aeronawtika u tat-trasport bl-ajru.

It-tbassir għall-iżvilupp tat-traffiku ta' l-ajru fl-Ewropa juru li sejjer aktar milli jirdoppja fl-għoxrin sena li ġejjin, f'konformità mal-ħtiġijiet ta' l-ekonomija globali flimkien ma' tħassib li qed jikber dwar l-ambjent u sforz biex jiġu kkontrollati l-emissjoni ta' gassijiet noċivi u l-ħoss.

L-iżvilupp ta' sistema tat-trasport bl-ajru li tħares l-ambjent hija prijorità għat-tkabbir Ewropew li jistrieħ u jikkapitalizza fuq in-netwerk industrijali tas-settur aeronawtiku, fejn il-katina tal-provvista hija mmirata biex tiffunzjona fi programm industrijali kbir ta' teknoloġija avvanzata konformi ma' l-inizjattivi ta' l-Unjoni bħal JET u l-ITER (fużjoni) u Galileo (navigazzjoni permezz tas-satelliti).

Sema Nadif se jżviluppa teknoloġiji innovattivi b'impatt ambjentali mnaqqas u se jstabbilixxi miri teknoloġiċi soċjali u bbażati fuq is-suq li jkollhom impatt fuq is-sistema kollha tat-trasport bl-ajru. Il-Komunità Ewropea ser tipparteċipa fil-programm u tikkofinanzjah sabiex tgħin biex jinkisbu dawn il-miri.

Il-kuntest ġenerali

L-iskala taż-żmien ta' l-aeronawtika titkejjel bid-deċennji. It-trasport bl-ajru kiber abbażi ta' l-innovazzjonijiet settorjali li jissodisfaw it-talbiet tas-suq mingħajr ma jiffokaw fuq l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent.

Kisbiet kbar fit-teknoloġiji tat-trasport b'arja nadifa għal implimentazzjoni bikrija huma ta' importanza kritika biex jiġi ndirizzat it-tibdil fil-klima waqt li fl-istess ħin jippromwovu t-tkabbir ekonomiku u l-progress soċjali. Madankollu, minħabba nuqqasijiet tas-suq, id-dipendenza fuq il-mekkaniżmu tas-suq se jillimita l-R&D fl-aeronawtika għal livell li mhux l-aħjar possibbli mill-aspett soċjo-ekonomiku. Bħala riżultat, l-aeronawtika hija ffaċċjata bi sfidi importanti:

- l-impatt ambjentali qed isir restrizzjoni kbira għall-iżvilupp tal-mobbiltà;
- l-industrija aeronawtika għandha impatt ekonomiku u soċjali qawwi u rwol ewlieni biex tiġi żgurata l-mobbiltà, hija karatterizzata b'intensità għolja ta' R&D, bilanċ kummerċjali kbir u timpjega nies b'ħiliet kbar;
- iċ-ċiklu ta' bdil tal-flotta jidentifika tieqa ta' opportunità għal-isfruttament ta' teknoloġiji nodfa f'konformità mal-provvista ta' riżultati tar-R&D qabel l-2015;
- it-tnaqqis ta' l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq it-tibdil fil-klima, l-emissjonijiet u l-ħoss huwa prijorità, li jeħtieġ bidliet gradwali fit-teknoloġija biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u biex jitnaqqas l-impatt ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti;
- l-industrija aeronawtika ta' l-UE qed tiffaċċja kompetizzjoni qawwija u r-rwol ta' l-appoġġ pubbliku għall-R&D huwa ta' importanza kbira. L-investment pubbliku fl-Istati Uniti huwa madwar tliet darbiet ta' dak fl-Ewropa. L-Ordni Eżekuttiva presidenzjali riċenti tistabbilixxi l-ewwel politika ta' l-R&D Aeronawtika fl-Istati Uniti, u kompetituri oħra qed jidhru fis-suq;
- l-intervent pubbliku huwa ġustifikat biex jindirizza n-nuqqasijiet tas-suq li jiskoraġġixxu l-investment fl-R&D ta' l-aeronawtika minħabba t-tul ta' żmien, l-esterjorizzament pożittiv assoċjat mad-differenza bejn ir-rata ta' ritorn soċjali u privata, l-esterjorizzament negattiv relatat ma' spejjeż ambjentali soċjali.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

L-ebda dispożizzjoni.

Konsistenza ma' politiki u ma' għanijiet oħra ta' l-Unjoni

Politika mfaġġata biex tistimula l-R&D fis-settur aeronawtiku biex twassal għal inġenji ta' l-ajru ambjentalment effiċjenti hija parti minn strateġija aktar wiesgħa maħsuba biex tnaqqas l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima. It-tiżiħ ta' l-R&D fl-aeronawtika jikkomplementa miżuri bħall-Iskema tal-Kummissjoni għall-Iskambju ta' l-Emissjonijiet fl-UE (ETS). Il-Komunità Ewropea għamlet l-Aeronawtika waħda mill-prijoritajiet tagħha ta' l-R&D bl-ambizzjoni li timminimizza l-impatt ambjentali ta' l-inġenji ta' l-ajru u ttejjeb il-kwalità ta' l-arja lokali u tal-ħoss madwar l-ajruporti u s-saħħa u l-kwalità tal-ħajja.

L-R&D fl-aeronawtika ser tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' l-Għanijiet Strateġiċi ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istrateġija l-ġdida ta' Liżbona. Teknoloġiji ta' l-avjazzjoni li jirrispettaw aktar l-ambjent huma konformi ma' u ser jikkontribwixxu għall-politika ta' aktar mobbiltà ta' l-Unjoni f'UE akbar, li hu ta' importanza partikolari għall-Istati Aderenti li t-traffiku tagħhom qiegħed jikber b'ħeffa.

Il-politika mmirata lejn bidliet gradwali fit-Trasport bl-Ajru nadif b'implimentazzjoni l-aktar bikrija ser tikkontribwixxi biex jitjiebu l-benesseri u l-kundizzjonijiet ta' l-għixien b'mod sostenibbli għal ġenerazzjonijiet preżenti u futuri ta' l-UE.

L-inizjattiva proposta hija parti minn strateġija wiesgħa u ambizzjuża tal-Komunità li għandha l-għan li tittratta l-lakuni fl-innovazzjoni u li, fost l-oħrajn, tinkludi l-proposta li jiġi stabbilit Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (EIT), L-għan ta' l-EIT huwa li jintegra l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-azjendi, u biex lil netwerks eżistenti jipprovdihom mudelli ġodda ta' tmexxija biex jintegraw aktar l-attivitajiet tagħhom.

2. IL-KONSULTAZZJONI MA' PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

Il-konsultazzjoni ma' partijiet interessati

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi prinċipali mmirati u l-profil ġenerali ta' min wieġeb

Saru konsultazzjonijiet regolari bejn il-Kummissjoni u l-partijiet interessati bi preżentazzjonijiet lil Stati Membri u Stati Assoċjati fil-Programm Kwadru (Stati Nazzjonali - NS) dwar il-kontenut tekniku u l-istruttura tal-governanza ta' Sema Nadif.

Sommarju tar-risposti u kif ġew meqjusa

L-involviment ta' servizzi tal-Kummissjoni, tal-partijiet interessati, ta' l-NS u tal-bord Soċjoekonomiku u Ambjentali (S-E&E) għabar kummenti u kontribuzzjonijiet regolament dwar il-kontenut tekniku, l-aspetti tal-governanza u l-aspetti leġiżlattivi ta' Sema Nadif.

Il-Kummissjoni qieset il-kummenti magħmula fir-rapport finali tal-bord ta' l-S-E&E. Il-proposta għall-istruttura tal-governanza qieset is-sejbiet tar-rapport.

Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien espert

L-oqsma xjentifiċi/ta' għarfien espert ikkonċernati

Għarfien espert estern intuża fil-valutazzjoni ta' l-impatt ta' l-S-E&E magħmul u l-analiżi tal-bidu ta' l-istruttura tal-governanza ta' Sema Nadif.

Il-metodoloġija użata

Il-bord ta' l-S-E&E ġie mlaqqa' f'żewġ okkażjonijiet, iltaqa' fil-bini tal-Kummissjoni fejn ġiet organizzata udjenza mal-partijiet interessati ta' l-industrija biex tippermetti analiżi aktar fil-fond ta' kwistjonijiet speċifiċi. Ir-rapporteur(s) tal-bord ħejjew abbozz tar-rapport tal-bord bl-involviment tal-membri kollha tal-bord.

Il-bord għall-evalwazzjoni tal-governanza ingħata l-abbozz tal-proposta mill-industrija flimkien ma' mandat mill-Kummissjoni.

L-organizzazzjonijiet/l-esperti prinċipali li ġew ikkonsultati

Ir-rappreżentanti tal-bord ta' l-S-E&E ġew nominati mill-NS. L-istudju li janalizza l-istruttura tal-governanza ta' Sema Nadif ġie kummissjonat lil żewġ esperti f'pożizzjonijiet manig'erjali għolja fl-Impriża Konġunta JET.

Sommarju tal-pariri miksuba u użati

L-eżistenza ta' riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irreversibbli ma ssemmiex.

Il-bord ta' l-S-E&E fil-bidu ta l-parir biex jiżdedu l-koeżjoni u l-interazzjoni bejn l-oqsma tekniċi, jkompli jiġi żviluppat l-analiżi makroekonomiku għal Sema Nadif u tissaħħa l-istruttura tal-governanza. Fit-tieni evalwazzjoni, il-bord ikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet ġew sodisfatti.

L-istudju tal-governanza identifika kwistjonijiet importanti biex jitqiesu fl-istruttura tal-governanza ta' Sema Nadif li ġew meqjusa fil-proposta finali.

Mezzi użati biex il-pariri ta' l-esperti jkunu disponibbli għall-pubbliku

Ir-rapporti tal-bord tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati u ġew preżentati u diskussi fil-laqgħat ma' l-NS.

Il-valutazzjoni ta' l-impatt

Fatturi differenti kienu l-kriterji prinċipali għall-valutazzjoni ta' għażliet ta' politika:

- l-iskala ta' l-investiment u ż-żmien magħżul għalih;
- il-kontinwità u l-koeżjoni;
- il-lieva ta' finanzjament privat u pubbliku;
- il-massa kritika ta' partiiċipanti u l-approċċ multidixxiplinarju;
- il-koordinazzjoni u l-integrazzjoni fost il-partiiċipanti;
- l-effiċjenza ta' l-istruttura tal-governanza;
- il-livell ta' preparazzjoni tat-teknoloġija avvanzata.

L-ewwel għażla kkunsidrata kienet "ebda azzjoni mill-UE" (nazzjonali jew ta' l-UE). Dik l-għażla għandha tiġi miċħuda billi diversi tipi ta' nuqqasijiet tas-suq ma jippermettux li wieħed joqgħod biss fuq mekkaniżmi tas-suq għall-ksib ta' l-innovazzjonijiet kbar meħtieġa biex l-inġenji ta' l-ajru jirrispettaw aktar l-ambjent. Approċċ mingħajr l-UE li jillimita l-appoġġ għall-R&D fil-livell nazzjonali biss mhuwiex adattat billi l-iskala u l-ambitu ta' l-aġenda tar-riċerka biex l-inġenji ta' l-ajru jirrispettaw aktar l-ambjent tmur lil hinn mill-kapaċità ta' Stati Membri individwali kemm fir-rigward ta' l-impenn finanzjarju u kemm fir-rigward tal-kapaċità għar-riċerka involuta. Il-politiki nazzjonali dwar l-R&D għandhom rwol importanti f'li jikkomplimentaw programm ta' l-UE li jippromwovi l-iżvilupp ta' teknoloġiji nodfa tat-Trasport bl-Ajru, iżda ma jistgħux jieħdu post l-azzjoni fil-livell ta' Komunità.

It-tieni għażla hi li wieħed joqgħod fuq skema intergovernattiva bħal ma hi l-“EUREKA”. Madankollu din ma tippermettix il-baġit u t-tul ta’ żmien meħtieġa biex jingħelbu r-riskji teknoloġiċi u kummerċjali kbar li jiskoraġġixxu l-investment privat fl-iżvilupp ta’ teknoloġija ta’ l-inġenji ta’ l-ajru li tirrispetta l-ambjent. Mhijiex adegwata biex tħaffef l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta’ teknoloġiji tat-trasport bl-ajru li jirrispettaw l-ambjent ta’ interess ġenerali għall-Komunità.

It-tielet għażla hi l-użu ta’ strumenti tradizzjonali tal-Programm Kwadru imfassla biex jistimulaw ir-riċerka qrib is-sors u r-riċerka iffukata ‘l bogħod mis-sors għal riċerka bażika u validazzjoni fil-livell ta’ sotto-sistema jew ta’ sistema. Madankollu, dawn l-istrumenti mhumiex l-aħjar possibbli biex jitħaffef l-iżvilupp ta’ teknoloġiji tat-Trasport bl-Ajru nodfa għal applikazzjoni kmieni kemm jista’ jkun li teħtieġ id-dimostrazzjoni ta’ teknoloġiji b’sistemi sħaħ (jiġifieri l-integrazzjoni u d-dimostrazzjoni ta’ sistema ta’ sistemi). Azzjoni individwali regolari ta’ Riċerka Kollaborattiva ma jkollhiex l-iskala u l-livell ta’ koordinazzjoni suffiċjenti biex timmira għal dak l-għan minħabba:

- il-frammentazzjoni ta’ l-isforz ta’ l-R&D fi proġetti separati;
- in-nuqqas ta’ l-integrazzjoni u l-koordinazzjoni neċessarji bejn il-parteċipanti;
- l-inabbiltà li titħalla ssir il-validazzjoni fil-livell adattat ta’ preparazzjoni tat-teknoloġija;
- in-nuqqas ta’ struttura legali u ta’ governanza biex tipprovdi t-tmexxija neċessarja.

L-iżvilupp ta’ dimostraturi individwali mhux se jikseb l-istess benefiċċji ambjentali bħal approċċ integrat. Mingħajr appoġġ pubbliku, l-industrija se tiżviluppa prodotti ġodda bi strateġija li tillimita l-impatti tan-nuqqasijiet tas-suq. L-effiċjenza fl-ispiża tkun il-fattur prinċipali li jiġi kkunsidrat waqt li aktar rispetta għall-ambjent ikun benefiċċju addizzjonali u mhux prijorità. Iż-żmien li jintagħżel huwa kwistjoni ewlenija minħabba l-kompetizzjoni u t-tiġdid tal-flotta; l-inċertezza fl-inkorporazzjoni ta’ riżultati ta’ proġetti awtonomi fl-iżvilupp ta’ prodotti tkun għolja jekk jittieħed approċċ frammentat; il-benefiċċji ambjentali jittardjaw waqt li t-tkabbir fit-traffiku jeċċedi l-pass tat-titjib fit-teknoloġija. Dan ifisser illi l-emissjonijiet u l-ħsejjes li l-avjazzjoni tiġġenera jikbru b’rata oġhla għal 3-4 snin aktar milli jekk jintuża programm wieħed. L-approċċ frammentat jittardja l-implimentazzjoni tar-riżultati u l-għoti ta’ benefiċċji soċjali. Żvantaġġ soċjali ieħor huwa t-telf tal-kompetittività ta’ l-industrija aeronawtika Ewropea, li jkollha mpatt fuq il-ħolqien ta’ l-impjiegi u l-istandards ta’ l-għixien.

L-għażla proposta hija li tinholq Impriża Konġunta biex tmexxi l-attivitajiet ta’ Sema Nadif b’aġendi ambizzjużi tar-riċerka u tat-teknoloġija li jeħtieġu investment għoli pubbliku u privat fil-livell Ewropew. Sema Nadif hija meqjusa bħala għażla adegwata biex isir pass kbir lejn l-implimentazzjoni ta’ l-Aġenda tar-Riċerka Strateġika ta’ l-ACARE dwar l-ambjent. Il-proposta preżentata mill-Industrija tenfasizza li l-miri ambjentali ta’ Sema Nadif tant huma ambizzjużi li jirrikjedu li skoperti teknoloġiċi jiġu validati b’pass aktar mgħaġġel minn dak li s-soltu jimxi bih l-R&D. Sema Nadif, li jimplimenta approċċ innovattiv multidixxiplinarju, se jinkludi l-ambitu sħiħ tat-teknoloġija aeronawtika u jiżgura l-integrazzjoni ta’ teknoloġiji ġodda ta’ komponenti, ta’ sistemi u ta’ vetturi, il-validazzjoni u d-dimostrazzjoni tagħhom fuq skala kbira, biex b’hekk jipprovdi bażi li fuqha prodotti innovattivi li jirrispettaw l-ambjent ikunu jistgħu jiġu mnedija b’riskju aċċettabbli.

Il-JTI Sema Nadif se jkollha mpatt pożittiv sinifikanti f’haġna oqsma:

- l-impatt ambjentali aktar baxx ta' l-avjazzjoni fuq livell globali;
- iż-żjieda fl-effiċjenza tal-komunità ta' l-avjazzjoni;
- iż-żjieda fis-sodisfazzjoni tal-passiġġieri u rata ogħla ta' mobbiltà;
- il-kompetittività ta' l-industrija aeronawtika u ta' l-avjazzjoni Ewropea permezz ta' żvilupp sostenibbli.

L-investiment ta' l-industrija huwa għoli ħafna biex b'hekk jiżgura l-isfruttament tar-riżultati. Sema Nadif se jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku ta' l-Ewropa fuq skala makroekonomika. Billi ż-żjieda fit-talba għat-trasport bl-ajru hija akbar minn f'ħafna setturi oħra, il-kontribuzzjoni qed tikber. Il-kontribuzzjoni hija wkoll għolja f'termini ta' impjegi: tliet miljun ċittadin Ewropew qed jaħdmu f'din l-industrija. Fuq din il-bażi, Sema Nadif ser ikollu impatt pożittiv fuq l-ekonomija Ewropea kollha. Inġenji ta' l-ajru aktar nodfa u li jagħmlu inqas ħoss se jtaffu r-restrizzjonijiet fuq it-tkabbir tat-traffiku bl-ajru. Fil-qosor:

- Sema Nadif għandha l-approċċ tal-massa kritika u multidixxiplinarju, li jkopri l-ambitu kollu tat-teknoloġiji meħtieġa biex jaċċelleraw l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' avvanzi kbar biex it-Trasport bl-Ajru jirrispetta aktar l-ambjent. Strument ta' Riċerka Kollaborattiva ma jksibx il-massa kritika u multidixxiplinarjità meħtieġa biex jissodisfaw il-miri minħabba l-frammentazzjoni.
- Il-governanza ta' Sema Nadif tiżgura l-integrazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-attivitajiet differenti, tistfrutta t-tifdil minħabba kwantitajiet kbar u l-ambitu fl-R&D ta' l-aeronawtika, biex b'hekk tippermetti s-sinerġiji bejn il-parteċipanti. Azzjoni ta' l-UE ta' l-FP biss ma tipprovdix karatteristiċi simili.
- Sema Nadif se tiżviluppa u topera diversi dimostraturi biex jivvalidaw teknoloġiji f'livell għoli ta' preparazzjoni, biex b'hekk jiġi aċċellerat il-perjodu ta' żmien meħtieġ għall-iżvilupp ta' prodotti ġodda.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Sommarju ta' l-azzjoni proposta

Il-proposta tikkonsisti f'regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

Il-bażi ġuridika

L-Artikolu 171 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika safejn il-proposta ma toloqotx qasam li fih il-Komunità għandha kompetenza esklużiva.

L-għanijiet tal-proposta ma jstgħux jintlaħqu sa livell suffiċjenti mill-azzjonijiet ta' l-Istati Membri għar-raġunijiet segwenti:

- L-industrija ta' l-aeronawtika hija globali. L-ispeċifiċitajiet transkonfinali tat-trasport bl-ajru jimplikaw li jintlaħqu standards globali ta' ċertifikazzjoni relatati ma' kwistjonijiet ta' sigurtà u traceability iżda li jinbtu mill-innovazzjoni. Fil-fatt, teknoloġiji ġodda ma jistgħux ikunu fil-livell nazzjonali. Irkejjen differenti ta' l-R&D fi Stati Membri differenti jwasslu għal bażi teknoloġika Ewropea bħala l-livell fejn l-innovazzjoni tista' tkun indirizzata fuq skala ta' sistema ta' sistemi;
- L-impatt ambjentali tat-trasport bl-ajru huwa kwistjoni globali u jikkonċerna aspetti differenti tas-sistema tat-trasport bl-ajru. Ir-riżorsi meħtieġa huma lil hinn mill-mezzi tal-partijiet interessati fi Stati Membri individwali. Il-livell ta' ġestjoni u koordinazzjoni neċessarju biex il-miri jintlaħqu fil-ħin jeħtieġ proġett internazzjonali fuq livell Ewropew;
- L-industrija aeronawtika Ewropea qed taħdem f'suq globali iżda ristrett. Dan jikkontribwixxi għal spejjeż ta' produzzjoni għolja u jolqot il-kapaċità ta' l-industrija li tinvesti fl-innovazzjoni teknoloġika.

L-ippuljar ta' l-isforzi fl-R&D fil-livell ta' l-UE għalhekk hija neċessarja, bħal ma' hu l-bżonn li tinkiseb massa kritika suffiċjenti biex tikkonsolida l-innovazzjoni.

Azzjoni tal-Komunità tilħaq b'mod aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġuni(jiet) segwenti.

- L-isforzi fl-R&D għandhom jitwettqu fil-livell Ewropew. L-implimentazzjoni ta' l-innovazzjonijiet teknoloġiċi u l-iżvilupp ta' dimostraturi fuq skala sħiħa għandha tkun koordinata fl-UE sabiex tiżgura l-isfruttament massimu ta' benefiċċji soċjali fl-Ewropa kollha u benefiċċji ekonomiċi permezz tal-katina tal-provvista. Din il-koordinazzjoni tista' titwettaq biss bl-użu tad-dispożizzjonijiet legali tal-Komunità li jirriżultaw minn Sema Nadif;
- Is-sħubija pubblika-privata neċessarja biex jiġu massimizzati s-sinerġiji meħtieġa għal bidliet gradwali fit-teknoloġiji ta' l-impatt ambjentali u jipprovdu l-effett ta' lieva xieraq fuq programmi ta' l-UE u nazzjonali hija konċepibbli fil-livell Ewropew biss.

L-intervent tal-Komunità se jippermetti ir-razzjonalizzazzjoni ta' programmi ta' l-R&D. Il-komplementarjetà għolja ta' hiliti tekniċi se tirriżulta f'ekonomiji ta' skala u żżid il-probabbiltà li d-dimostraturi teknoloġiċi jitlestew fil-ħin.

L-evalwazzjoni ta' l-S-E&E turi li Sema Nadif se tikkontribwixxi sostanzjalment biex jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport bl-ajru, għat-ktabbir ekonomiku Ewropew u għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda billi ttejjeb il-kompetittività ta' l-industrija.

L-għażla magħżula għal Sema Nadif tgħaqqad il-benefiċċji ta' bażi wiesa' ta' teknoloġija u ta' konnoxxenza, ta' massa kritika suffiċjenti u tipproduċi l-effett ta' lieva meħtieġ u struttura ta' governanza proporzjonata mal-kompitu.

Minbarra l-Kummissjoni Ewropea, 86 organizzazzjoni minn 16 il-NS se jaqsmu bejniethom l-attivitajiet manijerjali u tekniċi ta' Sema Nadif. Organizzazzjonijiet oħra se jingħaqdu matul l-iżvilupp ta' Sema Nadif.

Il-proposta għalhekk hi konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) segwenti.

Sema Nadif ingħata r-responsabbiltà għal attivitajiet ta' l-R&D li jiffukaw fuq l-impatt ambjentali tas-sistema tat-trasport bl-ajru; il-ġestjoni xierqa ta' dan il-programm hija neċessarja sabiex jiġi żgurat li l-għanijiet jintlaħqu fil-ħin. L-għażla ta' Impriża Konġunta hija l-aktar mod sempliċi biex jiġi ġestit Sema Nadif, billi tippermetti lill-Kummissjoni Ewropea li tkun assoċjata mas-settur privat. L-istruttura tal-governanza prevista f'Sema Nadif tiżgura l-livell adattat ta' flessibbiltà u l-ħeffa fir-rispons meħtieġa biex jinkisbu l-miri teknoloġiċi u anki l-livell adattat ta' trasparenza u kontroll meħtieġ biex tiġi żgurata l-aderenza ma' l-interess pubbliku.

Il-baġit totali meħtieġ għal Sema Nadif huwa stmat bħala € 1.6 Biljun għal 7 snin bi profil ta' nfiq skond il-baġit. Dan l-ammont irid jitqies fil-kuntest ta' l-ispiża ta' l-R&D kurrenti fis-settur aeronawtiku fl-Ewropa, fid-dawl tal-benefiċċji ambjentali, tixrid ta' benefiċċji potenzjali u benefiċċji ta' l-addizzjonalità.

L-għażla ta' strumenti

Strumenti proposti: regolament.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni(jiet) segwenti.

– Il-ħolqien ta' impriża li fiha tipparteċipa l-Komunità teħtieġ regolament tal-Kunsill.

4. L-IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

L-evalwazzjoni preliminari tal-baġit tindika spiża għall-Komunità ta' € 47 Miljun fl-ewwel sena, profil ta' infiq annwali li dejjem jikber u li se jilħaq sa € 140 Miljun fil-ħames sena u baġit ta' l-għeluq ta' € 267 Miljun fis-sitt u s-seba' sena.

5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Is-simulazzjoni, l-fażi pilota u l-perjodu tranżitorju

Kien hemm jew se jkun hemm perjodu tranżitorju għall-proposta.

Klawżola ta' analiżi/reviżjoni/estinzjoni

Il-proposta tinkludi klawżola ta' reviżjoni.

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni.

L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta Sema Nadif

Sommarju Teknoloġiku

Sema Nadif għandha l-għan li toħloq Sistema tat-Trasport bl-Ajru radikalment innovattiva bbażata fuq l-integrazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati u dimostraturi sħaħ, bil-mira li jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport bl-ajru permezz tat-tnaqqis tal-ħsejjes u l-emissjonijiet ta' gass u t-titjib fl-ekonomija tal-fjuwil ta' l-inġenji bl-ajru. L-attività se tkopri il-partijiet prinċipali kollha ta' titjir tas-Sistema tat-Trasport bl-Ajru u t-teknoloġiji bażiċi assoċjati li ġew identifikati fl-Aġenda tar-Riċerka Strateġika għall-Aeronawtika żviluppata mill-Pjattaforma tat-Teknoloġija ta' l-Aeronawtika ACARE.

Sema Nadif se tinbena fuq 6 oqsma tekniċi differenti msejja Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata (ITDs), fejn se jsiru studji preliminari u *down-selection* (l-issettjar ta' valuri ta' selezzjoni anqas iebes bl-iskop li jinkiseb l-aħjar valur għall-orħos prezz) ta' xogħol, segwiti minn dimostrazzjonijiet fuq skala kbira fuq l-art jew waqt titjiriet, sabiex teknoloġiji innovattivi jitwasslu sa livell ta' maturità fejn jistgħu ikunu applikabbli għal ġenerazzjoni ġdida ta' "inġenji ta' l-ajru ħodor". Rabtiet multipli għall-koerenza u l-iskambju tad-data se jiġu żgurati bejn id-diversi ITDs. Il-biċċa l-kbira tal-bankijiet ta' l-ittestjar se jintużaw minn diversi ITDs flimkien. L-ITDs huma:

1. L-ITD ta' l-Inġenji ta' l-ajru bil-ġwienaħ fissi Intelliġenti, iffukata fuq teknoloġiji ta' ġwienaħ attivi li jħossu l-fluss ta' l-arja u jadattaw il-forma tagħhom kif ikun meħtieġ, kif ukoll fuq konfigurazzjonijiet ġodda ta' inġenji ta' l-ajru biex tinkorpora dawn il-kunċetti ta' ġwienaħ ġodda bl-aħjar mod possibbli.
2. L-ITD ta' l-Inġenji ta' l-Ajru Reġionali Ħodor, iffukata fuq konfigurazzjonijiet ta' piż ħafif u teknoloġiji li jużaw strutturi inteliġenti, konfigurazzjonijiet li ma jagħmlux ħafna ħoss u l-integrazzjoni ta' teknoloġija żviluppata f'ITDs oħra, bħal magni, il-ġestjoni ta' l-enerġija u konfigurazzjonijiet ġodda.
3. L-ITD ta' l-Inġenji ta' l-Ajru li jaħdmu bil-Iskrejjen, iffukata fuq l-istallazzjoni innovattiva ta' skrejjen u magna biex jitnaqqas il-ħoss, inqas reżistenza ta' arja fuq l-istruttura ta' l-ajruplan, magni diesel u sistemi elettriċi għall-konsum inqas ta' fjuwil u rotot ta' titjir li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.
4. L-ITD ta' Magni Sostenibbli u Ħodor se tintegra teknoloġiji għal sistemi li jagħmlu inqas ħoss u li huma ta' piż ħafif u bi pressjoni baxxa, ta' effiċjenza għolja, b'NOx baxx u qalba ħafifa, konfigurazzjonijiet bħal rotors jew sistemi ta' tkessiħ interni tal-magni miftuħa.
5. L-ITD ta' Sistemi għal Operazzjonijiet Ħodor se tiffoka fuq apparat u arkitetturi tas-sistemi ta' l-inġenji ta' l-ajru kollha ta' l-elettriku, il-ġestjoni termali, kapaċitajiet għal trajettorji "ħodor" u missjonijiet u operazzjonijiet ta' fuq l-art imtejba.
6. L-ITD ta' l-Eko-Disinn se jindirizza ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja ta' materjali u ta' komponenti, jiffoka fuq kwistjonijiet bħall-aħjar użu possibbli ta' materja prima, jnaqqas l-użu ta' materjali, ta' riżorsi naturali u ta' enerġija li ma tiġgeddix, u l-emissjoni ta' dranaġġ noċiv li jifferragh fil-baħar u r-reċiklaġġ.

Evalwatur tat-Teknoloġija se jkun l-ewwel għodda integrata kompleta Ewropea disponibbli li jipprovdi relazzjoni diretta bejn it-teknoloġiji avvanzati, li għadhom qed jiġu żviluppati, u l-impatt ambjentali f'livell għoli lokali jew globali. Għandu jqis proposti kemm minn ġewwa u kemm minn barra l-perimetru ta' "Sema Nadif" biex iwassal *metrics* ambjentali u l-livelli ta' inġenji ta' l-ajru, ta' ajruporti u l-livell ta' flotta ta' l-inġenji ta' l-ajru.

L-Evalwatur tat-Teknoloġija se jippermetti li jiġu vvalutati l-preżunzjonijiet, il-metodi u r-riżultati ta' livell għoli, u b'hekk jipprovdi funzjoni ta' monitoraġġ li tħalli lil esperti esterni indipendenti u lill-pubbliku ġenerali jivvalutaw il-validità tagħhom.

Billi l-ekonomija fil-fjuwil ta' l-inġenji ta' l-ajru hija influwenzata wkoll mill-istrateġija tal-ġestjoni tat-trajettorju tat-titjiriet, Sema Nadif se tistabbilixxi rabtiet mill-qrib ma' l-Impriża Konġunta SESAR li tinvestiga teknoloġiji tal-Maniġment tat-Traffiku ta' l-Ajru (ATM) f'konformità ma' l-inizjattiva "Sema Uniku" tal-Kummissjoni. Dawn ir-rabtiet se jiġu stabbiliti permezz ta' l-Evalwatur Teknoloġiku, kif ukoll permezz ta' l-ITD tas-Sistemi li jiżviluppa apparat ta' l-avjonika li jingħaqad ma' l-ATM.

Sommarju tal-miri teknoloġiċi li għandhom jintlaħqu minn Sema Nadif qed jingħataw fit-tabella t'hawn taħt:

Evalwatur tat-Teknoloġija						
Programm	Inġenji ta' l-Ajru bil- Ġwienaħ Fissi Inteliġenti	Reġjonali 'Ħodor'	Inġenji Ħodor li jaħdmu bir-Rotors	Magni Sostenibbli u Ħodor	Sistemi għal Operazzjonijiet Ħodor	Eko Disinn
Attivitajiet	Ġwienaħ Attivi Konfigurazzjonijiet ġodda ta' Inġenji ta' l-Ajru	Aerodinamika Avvanzata (Reżistenza ta' l-Arja u Ħoss Baxxi) Strutturi ta' Piż Baxx	Impjanti ta' l-Enerġija Ġodda Skrejjen u Rotors Innovattivi Konfigurazzjonijiet ġodda ta' Inġenji ta' l-Ajru	Teknoloġija Avvanzata tas- Sistemi LP u HP Kunċetti ta' Magni Ġodda (jiġifieri 'Open Rotor)	Ġestjoni tal-Missjoni u tat-Trajettorji Ġestjoni ta' l-Enerġija ta' l-Inġenji ta' l-Ajru	Valutazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali taċ-Ċiklu Kollu tal-Flotta
Miri	CO2 ~12 sa 20% Ħoss ~10dB	CO2 ~10 sa 20% Ħoss ~10dB	CO2 ~26 sa 40% NOx ~53 sa 65% Ħoss ~10dB	CO2 ~15 sa 20% NOx ~60% Ħoss ~18dB	CO2 ~10 sa 15% Ħoss ~9dB	CO2 ~10%

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

LI JISTABILIXXI L-IMPRIŻA KONĠUNTA SEMA NADIF

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 171 u 172 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006¹ li tikkonċerna s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) minn hawn 'il quddiem imsejħin "is-Seba' Programm Kwadru", tippovdi għal kontribuzzjoni tal-Komunità għat-twaqqif ta' sħubijiet pubbliċi-privati fit-tul f'forma ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti li għandhom jiġu implimentati permezz ta' Impriżi Konġunti fit-tifsira ta' l-artikolu 171 tat-Trattat. Dawn l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti jirriżultaw mix-xogħol tal-Pjattaformi tat-Teknoloġija Ewropej, li diġa twaqqfu skond is-Sitt Programm Kwadru, u jkopru aspetti magħżula ta' riċerka fil-qasam tagħhom. Dawn għandhom jgħaqqdu investment mis-settur privat u finanzjament pubbliku Ewropew, inkluż finanzjament mis-Seba' Programm Kwadru;
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 971/2006/KE tad-19 ta' Diċembru² li tikkonċerna il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru (2007-2013) tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet tar-riċerka, ta' l-iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Kooperazzjoni dwar il-Programm Speċifiku"), tenfasizza l-ħtieġa għal sħubijiet pubbliċi-privati ambizzjużi pan-Ewropej biex jaċċelleraw l-iżvilupp ta' teknoloġiji prinċipali, azzjonijiet ta' riċerka kbar fil-livell ta' Komunità inklużi, b'mod partikolari, Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti;

¹ ĠU L 412, 30.12.2006, p.1.

² ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86-241.

- (3) L-Aġenda ta' Liżbona għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi tenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati kundizzjonijiet favorevoli għall-investiment fl-għarfien u l-innovazzjoni fl-Ewropa biex jagħti spinta lill-kompetittività, lit-tkabbir ekonomiku u lill-impjiegi fl-Unjoni Ewropea;
- (4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-20-21 ta' Marzu 2003³, tat-22 ta' Settembru 2003⁴ u ta' l-24 ta' Settembru 2004⁵, il-Kunsill tal-Kompetittività enfasizza l-importanza li jkomplu jiġu żviluppati azzjonijiet wara l-Pjan ta' Azzjoni tat-3% għall-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni⁶ inkluż l-iżvilupp ta' inizjattivi ġodda maħsuba biex jintensifikaw il-kooperazzjoni bejn l-industrija u s-settur pubbliku fl-iffinanzjar tar-riċerka biex jittiejbu rabtiet pubbliċi-privati transnazzjonali;
- (5) Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' l-4 ta' Diċembru 2006⁷ u tad-19 ta' Frar 2007⁸, il-Kunsill tal-Kompetittività, u fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Marzu 2007⁹ il-Kunsill ta' l-Ewropa, stiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti għat-twaqqif ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti għal dawk l-inizjattivi li laħqu stadju xieraq ta' preparazzjoni;
- (6) Il-Pjattaforma tat-Teknoloġija Ewropea ta' l-Aeronawtika "ACARE" (Il-Kunsill Konsultattiv għar-Riċerka Aeronawtika fl-Ewropa) żviluppat Aġenda ta' Riċerka Strateġika, li identifika it-tnaqqis fl-impatt ta' l-avjazzjoni fuq l-ambjent bħala wieħed mill-kunċetti ta' miri f'livell għoli tagħha, u kkonkludiet li bidliet gradwali teknoloġiċi huma meħtieġa biex jintlaħqu l-miri sa l-2020 li emissorijiet tas-CO₂ jitnaqqsu b'50%, jitnaqqas l-NO_x bi 80%, jitnaqqas il-ħoss estern perċepit b'50%, u jsir progress sostanzjali fit-tnaqqis ta' l-impatt ambjentali tal-manifattura, tal-manutenzjoni u tar-rimi ta' inġenji ta' l-ajru u ta' prodotti relatati;
- (7) Il-livell ta' l-isforz meħtieġ biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali lis-sistema tat-trasport bl-ajru kif definiti fl-Aġenda ta' Riċerka Strateġika ta' ACARE iġġustifika t-twaqqif ta' Impriża Konġunta bħala l-istrument adattat li jikkoordina l-attivitajiet ta' riċerka rilevanti.
- (8) L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar Sema Nadif għandha ttaffi t-tipi differenti ta' nuqqasijiet tas-suq li jiskoraġġixxu l-investiment privat fir-riċerka aeronawtika b'mod ġenerali u fit-teknoloġiji tat-Trasport bl-Ajru nadif b'mod partikolari. Għandha tippovdi integrazzjoni u dimostrazzjoni fuq livell ta' sistema sħiħa, b'hekk tnaqqas ir-riskju għal investiment privat fl-iżvilupp ta' prodotti ġodda ta' l-aeronawtika li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Għandha tistimula investiment privat ta' UE fl-R&D f'teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u b'hekk tindirizza l-esterjorizzamenti eżistenti ta' l-R&D u ambjentali;

³ 9039/03.

⁴ 12339/03.

⁵ 12487/04.

⁶ KUMM(2003) 226.

⁷ 15717/06

⁸ 6044/07

⁹ 7224/07

- (9) L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar Sema Nadif għandha taċċellera l-iżvilupp fl-UE ta' teknoloġiji tat-Trasport bl-Ajru nadif biex jiġu implimentati mill-aktar fis possibbli¹⁰ li se jikkontribwixxu biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi ambjentali¹¹ u soċjali ta' l-Ewropa, flimkien ma' tkabbir ekonomiku sostenibbli;
- (10) L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar Sema Nadif għandha tkun sħubija pubblika-privata li tassoċja l-partijiet ewlenin kollha interessati. Filwaqt li titqies in-natura fit-tul ta' din is-sħubija, l-iplujar u d-disponibbiltà neċessarji ta' riżorsi finanzjarji, l-kompetenzi għolja xjentifiċi u tekniċi meħtieġa, inkluża l-ġestjoni ta' ammont kbir ta' għarfien, u regoli adattati dwar il-proprjetà intelletwali, huwa essenzjali li titwaqqaf entità legali li kapaċi tiżgura l-użu koordinat u l-ġestjoni effiċjenti ta' fondi assenjati lill-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar Sema Nadif. Għalhekk tiġġustifika t-twaqqif ta' Impriża Konġunta skond l-Artikolu 171 tat-Trattat, minn hawn 'il quddiem imsejja l-"Impriża Konġunta Sema Nadif";
- (11) L-Impriża Konġunta Sema Nadif timmira li tindirizza l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent fl-oqsma kollha tat-trasport bl-ajru ċivili, inklużi inġenji ta' l-ajru kbar kummerċjali, inġenji ta' l-ajru u inġenji li jaħdmu bir-rotors reġjonali u fit-teknoloġiji kollha ta' appoġġ bħal magni, sistemi u ċ-ċiklu tal-ħajja ta' materjali. Sema Nadif għandha tipproduċi dimostraturi fuq skala sħiħa fl-oqsma kollha ta' attivitajiet tar-riċerka, li għandhom jiġu ttestjati waqt titjiriet jew fuq l-art, bħala riżultat ta' approċċ u monitoraġġ integrat b'mod sħiħ tal-progress u ta' l-impatt teknoloġiku.
- (12) L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha titwaqqaf għal perjodu inizjali li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017 biex tiġi żgurata l-ġestjoni xierqa tal-attivitajiet ta' riċerka mibdija iżda mhux konklużi waqt is-Seba' Programm Kwadru (2007-2013);
- (13) Il-membri ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom ikunu l-Komunità Ewropea rappreżentata mill-Kummissjoni bħala rappreżentant pubbliku, il-mexxejja ta' Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata (ITDs) u l-membri Assoċjati ma' l-ITDs individwali.
- (14) L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tkun miftuħa għal membri ġodda.
- (15) L-Impriża Konġunta Sema Nadif, li għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Sema Nadif", u twettaq impenji skond ftehimiet internazzjonali, għandha tiġi meqjusa bħala korp internazzjonali fit-tifsira ta' l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' xiri procurement ta' korpi li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, ta' l-enerġija, tat-trasport u tas-servizzi postali, u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, kuntratti ta' provvista pubblika u kuntratti ta' servizz pubbliku;

¹⁰ Ara KUMM(2007) 2.

¹¹ Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew fir-rebbiegħa 2005 irrijafferma l-għan ta' l-UE li tillimita ż-żjieda fit-temperatura globali għal massimu ta' 2°C (l-objettiv tat-2°).

- (16) L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tkun korp stabbilit mill-Komunitajiet u l-approvazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha għandha tingħata mill-Parlament Ewropew¹², fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, madankollu bil-kunsiderazzjoni ta' l-ispeċifitàjiet li jirriżultaw min-natura tal-JTIs bħala sħubijiet pubbliċi-privati, u b'mod partikolari mill-kontribut tas-settur privat fi-baġit.
- (17) Il-mexxejja ta' Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata ffirmaw Memorandum ta' Ftehim li jorbot lill-kumpaniji rispettivi tagħhom għal parteċipazzjoni teknika, maniġerjali u finanzjarja fl-Impriża Konġunta Sema Nadif għat-tul kollu tagħha. Il-membri Assoċjati kollha intrabtu għal parteċipazzjoni finanzjarja limitata għat-tul kollu ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.
- (18) L-attivitajiet ta' riċerka għandhom ikunu koperti minn finanzjament mill-Komunità Ewropea u mill-inqas f'livell ugwali minn riżorsi mill-membri l-oħra;
- (19) L-ispejjeż rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom jitħallsu b'ammonti ugwali mill-Komunità Ewropea u mill-membri l-oħra;
- (20) Il-mexxejja tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata (ITDs) u l-Membri Assoċjati ta' l-ITDs individwali għandhom jirċevu appoġġ mill-Impriża Konġunta Sema Nadif biex jittwettqu l-attivitajiet ta' riċerka li għandhom ikunu responsabbli għalihom;
- (21) L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tkun kapaċi torganizza sejħiet kompetittivi għal proposti biex jingħata appoġġ lil attivitajiet ta' riċerka, fejn ikun xieraq;
- (22) L-attivitajiet ta' riċerka mwettqa skond l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom jirrispettaw il-prinċipji fundamentali ta' l-etika applikabbli fis-Seba' Programm Kwadru;
- (23) L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha jkollha, bi ftehim minn qabel mal-Kummissjoni, Regolazzjoni Finanzjarja distinta ibbażata fuq il-prinċipji tar-regolament finanzjarju strutturali¹³ li tqis il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi tagħha li joħorġu, b'mod partikolari, mill-ħtieġa li jingħaqad il-finanzjament tal-Komunità u privat biex jingħata appoġġ lill-attivitajiet ta' riċerka u ta' l-iżvilupp b'mod effiċjenti u fil-ħin.
- (24) Il-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' l-impjieg stabbli u trattament ugwali għall-persunal, u sabiex jiġi mħajjar Persunal speċjalizzat xjentifiku u tekniku ta' l-ogħla kalibru, teħtieġ l-applikazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Persunal ta' Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, ("ir-Regolament dwar il-Persunal") għall-persunal kollu mpjegat mill-Impriża Konġunta Sema Nadif.

¹² L-Artikolu 185 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/25 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU L 248, 16.9.2002 p.1; rettifika fil-ĠU L 25, 30.1.2003, p.43

¹³ Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU L 357, 31.12.2002 p. 72; corrigendum fil-ĠU L 2, 7.12.2003, p. 39.

- (25) Filwaqt li jitqies li l-Impriża Konġunta Sema Nadif mhijiex imfassla biex tissodisfa skop ekonomiku u hija responsabbli għall-ġestjoni ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "it-teknoloġiji ambjentali fit-Trasport bl-Ajru", huwa neċessarju għat-twettieq tax-xogħol tagħha li l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 t'April 1965 japplika għall-Impriża Konġunta Sema Nadif u il-persunal tagħha;
- (26) Ir-regoli ta' l-organizzazzjoni u l-attività ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom jiġu stabbiliti fl-Istatuti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif kif stabbiliti fl-Anness.
- (27) L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tirraporta regolarment dwar il-progress tagħha.
- (28) Bħala korp li għandu personalità ġuridika, l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tkun responsabbli għall-azzjonijiet tagħha. Fir-rigward tar-risoluzzjoni ta' tilwim fi kwistjonijiet kuntrattwali, kwalunkwe ftehimiet jew kuntratti dwar għotjiet konklużi mill-Impriża Konġunta Sema Nadif jistgħu jipprovdu li l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha l-ġuriżdizzjoni;
- (29) Il-politika dwar id-Drittijiet ta' Proprjetà Intelletwali għandha tippromwovi l-ħolqien u l-isfruttament ta' l-għarfien.
- (30) Miżuri xierqa għandhom jittieħdu biex jiġu evitati irregolaritajiet u frodi u l-passi neċessarji għandhom jittieħdu biex jiġu rkuprati fondi mitlufa, mħallsa ħażin jew użati ħażin skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej¹⁴, Regolament (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 li jikkonċerna verifiki fuq il-post u spezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej kontra frodi jew irregolaritajiet oħra¹⁵, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna investigazzjonijiet konklużi mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)¹⁶.
- (31) Sabiex jiffaċilitaw it-twaqqif ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, il-Membri għandhom jieħdu l-azzjonijiet preparatorji kollha neċessarji sakemm il-korpi responsabbli għall-attività tagħha jkunu ġew stabbiliti;
- (32) L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tiġi stabbilita fi Brussell, il-Belġju. Ftehim ta' ospitant għandu jiġi ffirmat bejn l-Impriża Konġunta Sema Nadif u l-Belġju dwar akkomodazzjoni f'uffiċċini, privileġġi u immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jingħata mill-Belġju lill-Impriża Konġunta Sema Nadif.

¹⁴ ĠU L 312,23.12.1995, p.1.

¹⁵ ĠU L 292,15.11.1996, p.2.

¹⁶ ĠU L 136,31.05.1999, p.1.

- (33) Billi l-għan ta' l-azzjoni li għandha tittieħed, speċifikament it-twaqqif ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura transnazzjonali ta' l-isfida kbira ta' riċerka li ġiet identifikata, li teħtieġ it-tagħqid ta' għarfien komplimentari u riżorsi finanzjarji fis-setturi u l-fruntieri kollha u għalhekk tista' tintlaħaq aħjar fil-livella ta' Komunità minħabba li l-isforz tal-koordinazzjoni u r-riżorsi meħtieġa huma fuq skala tant kbira, u jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
It-Twaqqif ta' Impriża Konġunta

1. Għall-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Sema Nadif", Impriża Konġunta fit-tifsira ta' l-Artikolu 171 tat-Trattat, li jisimha "L-Impriża Konġunta Sema Nadif", b'dan qed tiġi stabbilita għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017 (minn hawn 'il quddiem imsejja "l-Impriża Konġunta Sema Nadif"). Dan il-perjodu jista' jiġi mtawwal b'reviżjoni ta' dan ir-Regolament.
2. Is-sede tagħha għandu jkun fi Brussell.

Artikolu 2
L-Istatus Ġuridiku

1. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha jkollha personalità ġuridika. Fl-Istati Membri kollha tal-Komunità Ewropea, għandha tgawdi l-kapaċità ġuridika l-aktar estensiva mogħtija lil persuni ġuridiċi skond il-liġijiet ta' daww l-Istati. Tista', b'mod partikolari, takkwista jew tiddisponi minn proprjetà mobbli jew immobbli u tkun parti fi proċeduri legali.
2. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tkun meqjusa bħala korp internazzjonali fit-tifsira ta' punt c ta' l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2004/17/KE u tal-punt c ta' l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2004/18/KE.

Artikolu 3
L-Għanijiet ta' l-Impriża Konġunta

L-għanijiet ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom ikunu s-segwenti:

- li fl-UE taċċelera l-iżvilupp ta' teknoloġiji nodfa għat-Trasport bl-Ajru għall-użu mill-aktar fis possibbli;
- li toħloq Sistema tat-Trasport bl-Ajru radikalment innovattiva, abbażi ta' l-integrazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati u dimostrarazzjonijiet fil-kobor, bil-għan li jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport bl-ajru permezz ta' tnaqqis tal-ħoss u l-emissjonijiet ta' gass, flimkien ma' titjib ta' l-ekonomija tal-fjuwil fl-ajruplani;

Artikolu 4
Il-Membri

1. Dawn li ġejjin għandhom ikunu l-membri fundaturi ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif:

- Il-Komunità Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni;
- 12-il-mexxej ta' l-ITDs u sa 74 Assoċjat, kif elenkati fl-Anness 1;

Il-Kummissjoni Ewropea u l-mexxejja ta' l-ITDs għandu jkollhom viżibbiltà ġenerali ta' l-attivitajiet tal-JTI, u jkunu responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi ġenerali.

L-Assoċjati jipparteċipaw f'ITD waħda jew aktar, u jieħdu b'mod konġunt deċiżjonijiet tekniċi li għandhom jittieħdu rigward dawn l-ITDs.

2. Kwalunkwe entità pubblika jew privata stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru tista' tapplika biex issir membru ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, sakemm:

- bħala Mexxejja ta' l-ITD, jintrabtu li jikkontribwixxu riżorsi fi proporzjon ma' l-attivitajiet ġenerali tal-JTI u konsistenti magħhom.
- bħala Assoċjati, l-impenn tagħhom ikun fi proporzjon mal-baġit ta' l-ITD li jipparteċipaw fih u konsistenti mar-rekwiżiti ta' l-ITD.

3. Il-membri fundaturi msemmija fil-paragrafu 1 u l-membri ġodda msemmija fil-paragrafu 2 għandhom minn hawn 'il quddiem jissejħu "Membri"

Artikolu 5
L-Istatuti

L-Istatuti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, kif stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament, jikkostitwixxu parti integrali ta' dan ir-Regolament u qegħdin b'dan jiġu adottati.

Artikolu 6
Is-sorsi ta' finanzjament

1. Ir-riżorsi ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet miġbura mill-Membri tagħha u l-affiljati parteċipanti tagħhom. Affiljat parteċipant għandu jiġi definit bħala entità ġuridika li:
 - Tkun direttament jew indirettament ta' proprjetà jew kontrollata minn, jew li jkollha u tikkontrolla, jew tkun taħt l-istess sjieda jew kontroll bħall-mexxej jew l-Assoċjat ta' l-ITD rilevanti;
 - tkun inkorporata u residenti fi, u soġġetta għal-liġi ta', Stat Membru tal-Komunità jew Stat Assoċjat fis-7 Programm Kwadru tal-Kummissjoni;
 - tipparteċipa f'livell sostanzjali fl-attivitajiet tal-Mexxej jew Assoċjat ta' l-ITD rilevanti, fil-programm ta' ħidma Sema Nadif.
2. L-ispiża rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tinqasam ugwalment fi flus kontanti bejn l-Komunità Ewropea min-naħa l-waħda, li se tikkontribwixxi 50% ta' l-ispiża totali, u min-naħa l-oħra mill-bqija tal-Membri, li se jikkontribwixxu l-50% li jkun fadal.
3. Il-kontribuzzjoni massima tal-Komunità lill-Impriża Konġunta Sema Nadif, li tkopri l-ispejjeż rikorrenti u l-Attivitajiet ta' Riċerka, għandha tkun ta' EUR 800 miljun (tmien mitt miljun) mħallsa mill-appropriazzjoni tal-baġit allokati lit-Tema 'Trasport' tal-Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni' li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru għar-riċerka, l-iżvilupp tekniku u d-dimostrazzjoni (2007-2013) skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 54(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.
4. L-arranġamenti għall-kontribut finanzjarju tal-Komunità għandhom ikunu stabbiliti permezz ta' ftehim ġenerali u ftehimiet annwali ta' implimentazzjoni finanzjarja li għandhom jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni, fisem il-Komunità, u l-Impriża Konġunta Sema Nadif.
5. Mexxejja u Assoċjati ta' l-ITD għandhom jikkontribwixxu riżorsi mill-inqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tal-Komunità minbarra dawk allokati permezz ta' Sejħiet għal Proposti sabiex jitwettqu l-attivitajiet ta' riċerka ta' Sema Nadif.

Artikolu 7
L-eliġibbiltà għal finanzjament wara Sejħiet għal Proposti

Fejn ikun xieraq, il-kontribuzzjoni tal-Komunità magħmula skond l-Art. 6.4 lill-Impriża Konġunta Sema Nadif għal finanzjament ta' l-Attivitajiet ta' Riċerka għandha tinkludi l-finanzjament ta' proposti magħżula permezz ta' Sejħiet kompetittivi għal Proposti.

Kwalunkwe entità pubblika jew privata stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru, għandu jkun eliġibbli għal dak il-finanzjament.

Artikolu 8
Ir-Regolament Finanzjarju

1. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tadotta Regolament Finanzjarju distint, ibbażat fuq il-prinċipji tar-Regolament Finanzjarju Qafas17. Tista' ma ssegwix ir-Regolament Finanzjarju Qafas meta l-ħtiġijiet rikorrenti speċifiċi ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif jeħtieġu dan u bil-kundizzjoni ta' l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni.
2. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha jkollha Kumitat tal-Verifika intern tagħha stess.

Artikolu 9
Il-Persunal

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kundizzjonijiet ta' l-Impjegati ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej u r-regoli adottati b' mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti ta' il-persunal u tal-Kundizzjonijiet ta' l-Impjegati għandhom japplikaw għall-persunal ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif u għad-Direttur tagħha.
2. Fir-rigward tal-persunal tagħha, l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha teżerċita l-poteri mogħtija lill-awtorità li taħtar mir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u fuq l-awtorità awtorizzata biex tikkonkludi kuntratti mill-Kundizzjonijiet ta' l-Impjegati ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej.
3. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha, bi ftehim mal-Kummissjoni, tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni neċessarji, skond l-arranġamenti stabbiliti fl-artikolu 110 tar-Regolamenti tal-persunal ta' Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kundizzjonijiet ta' l-Impjegati ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej.
4. L-ispejjeż kollha relatati mal-persunal għandhom jitħallsu mill-Impriża Konġunta Sema Nadif, skond l-Artikolu 6.

Artikolu 10
Il-Privileġġi u Immunitajiet

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandu japplika għall-Impriża Konġunta Sema Nadif Protocol u il-persunal tagħha.

¹⁷ ĠU L 357, 31.12.2002 p. 72; rettifika fil-ĠU L 2, 7.12.2003, p. 39.

Artikolu 11
Ir-Responsabbiltà

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet kuntrattwali rilevanti u mil-liġi applikabbli għall-ftehim jew għall-kuntratt konċernat.
2. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha, skond il-prinċipji ġenerali li huma komuni fil-liġijiet ta' l-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kwalunkwe danni kkaġunati mill-persunal tagħha waqt il-qadi tad-doveri tagħhom.
3. Kwalunkwe ħlas mill-Impriża Konġunta Sema Nadif fir-rigward tar-responsabbiltà msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u l-ispejjeż li jsiru b'konnessjoni magħha għandhom jitqiesu bħala nefqa ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif u għandhom ikunu koperti mir-riżorsi ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

Artikolu 12
Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Liġi applikabbli

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha jkollha l-ġurisdizzjoni fi kwalunkwe tilwima bejn il-Membri li jkollha x'taqsam mas-suġġett ta' dan ir-Regolament u ta' l-Istatuti msemmija fl-Artikolu 5.
2. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha jkollha l-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi bis-saħħa ta' kwalunkwe klawżola ta' arbitraġġ li tkun fi ftehim u f'kuntratt konkluż mill-Impriża Konġunta Sema Nadif.
3. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha jkollha l-ġurisdizzjoni f'azzjonijiet miġjuga kontra l-Impriża Konġunta Sema Nadif, inklużi deċizzjonijiet tal-Bord tagħha, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 230 u 232 tat-Trattat.
4. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha jkollha l-ġurisdizzjoni f'tilwim relatat ma' kumpens għal danni kkawżati mill-persunal ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif waqt il-qadi tad-doveri tagħhom.
5. Għal kwalunkwe kwistjoni oħra li ma hix koperta b'dan ir-Regolament jew b'atti oħra tal-liġi tal-Komunità, għandha tapplika l-liġi ta' l-Istat fejn jinsab is-sede ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

Artikolu 13
Ir-rapport, l-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni

1. Kull sena l-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, rapport annwali dwar il-progress miksub mill-Impriża Konġunta Sema Nadif.
2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tiegħu flimkien ma' l-osservazzjonijiet tagħha u, fejn ikun xieraq, proposti għall-adattament ta' dan ir-Regolament lill-Kunsill.

3. Sa tliet snin wara l-bidu ta' l-Impriża Konġunta, imma fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni abbażi tat-termini ta' referenza li għandhom jiġu miftiehma mal-Bord Eżekuttiv. Fuq il-bażi tal-progress miksub lejn il-kisba ta' l-għanijiet ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, l-għan ta' din l-evalwazzjoni hu li tistabbilixxi jekk it-tul ta' żmien ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandux jiġi estiż lil hinn mill-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1(1), u jiġu adottati tiddiliet adattati f'dan ir-Regolament u fl-Istatuti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.
4. Fl-aħħar ta' l-2017, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni finali ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni finali għandhom jiġu preżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. L-approvazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, skond proċedura pprovduta bir-Regolamenti Finanzjarji ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif..

Artikolu 14

Il-Protezzjoni ta' l-Interessi Finanzjarji tal-Membri u Miżuri Kontra l-Frodi

1. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-membri tagħha jkunu protetti b'mod adegwat billi ttwettaq jew tħalli li jitwettqu kontrolli interni u esterni xierqa.
2. Jekk il-Membri jiskopru xi irregolaritajiet, għandhom jirriżervaw id-dritt li jnaqqsu jew jissospendu kwalunkwe kontribuzzjoni lill-Impriża Konġunta Sema Nadif, jew li jieħdu lura l-ammont minfuq mingħajr raġuni.
3. Għall-iskopijiet tal-ġlieda kontra l-frodi, kontra l-korruzzjoni u kontra atti oħra illegali, ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandu japplika.
4. Il-Kummissjoni u/jew il-Qorti ta' l-Awdituri jistgħu, jekk ikun meħtieġ, jagħmlu verifiki fuq il-post fost min jirċievi l-finanzjament ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif u l-aġenti responsabbli għall-allokazzjoni tiegħu. Għal dan l-għan, l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tiżgura li ftehimiet u kuntratti dwar għotjiet jipprovdu għad-dritt tal-Kummissjoni u/jew tal-Qorti ta' l-Awdituri li jwettqu, f'isem l-Impriża Konġunta Sema Nadif, il-kontrolli xierqa u, f'każ li jinsabu xi irregolaritajiet, li jimponu penali proporzjonati u disswasivi.
5. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom, għandu jgawdi l-istess poteri fir-rigward ta' l-Impriża Konġunta u l-persunal tagħha bħalma għandu fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni. Hekk kif titwaqqaf l-Impriża Konġunta, għandha taderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni rigward l-investigazzjonijiet interni min-naħa ta' l-OLAF. Il-Bord Eżekuttiv għandu japprova l-adeżjoni u jadotta l-miżuri meħtieġa rikjesti biex jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet interni min-naħa ta' l-OLAF.

Artikolu 15
Il-Kunfidenzjalità

L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva, li jekk tinkixef tista' tagħmel ħsara lill-interessi tal-membri tagħha.

Artikolu 16
It-trasparenza u t-trattament ta' dokumenti

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess għal dokumenti¹⁸ tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandu japplika għal dokumenti miżmuma mill-Impriża Konġunta Sema Nadif.
2. Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fi żmien sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Deċiżjonijiet meħuda mill-Impriża Konġunta Sema Nadif skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jiffurmaw is-suġġett ta' lment lill-Ombudsman jew ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 195 u 230 tat-Trattat tal-KE rispettivament.
4. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tadotta l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali għal istituzzjonijiet u korpi tal-Kummissjoni sa sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament¹⁹.

Artikolu 17
Il-Proprietà Intellettwali

L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tadotta regoli li jirregolaw it-tixrid ta' riżultati ta' riċerka li jiżguraw li, fejn ikun xieraq, il-proprietà intellettwali ġġenerata minn Attivitàjiet ta' Riċerka skond dan ir-Regolament tkun protetta, u li riżultati ta' riċerka jintużaw u jiġu mxerrda.

Artikolu 18
Azzjonijiet preparatorji

Il-Membri għandhom ikunu responsabbli għat-tweqqif ta' l-attivitàjiet kollha relatati mat-twaqqif ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif sakemm il-korpi responsabbli għall-operazzjoni tagħha jkunu ġew stabbiliti.

¹⁸ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

¹⁹ ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13.

Artikolu 19
Appoġġ mill-Istat ospitanti

Għandu jiġi konkluż ftehim ta' l-ospitant bejn l-Impriża Konġunta Sema Nadif u l-Belġju dwar akkomodazzjoni f'uffiċini, privileġġi u immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jingħata mill-Belġju lill-Impriża Konġunta Sema Nadif.

Artikolu 20
Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

**IMPRIŻA KONĠUNTA SEMA NADIF
STATUTI**



STATUTI TA' L-IMPRIŻA KONĠUNTA SEMA NADIF

Artikolu 1

L-Isem, il-Lok, it-Tul ta' żmien, il-Personalità ġuridika

- 1. L-isem:** L-isem ta' l-Impriża Konġunta għandu jkun "Impriża Konġunta Sema Nadif".
- 2. Il-lok:** L-Impriża Konġunta tinsab fi Brussell, il-Belġju.
- 3. It-tul ta' żmien:** L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha titwaqqaf minn dakinhar tal-pubblikazzjoni ta' dawn l-Istatuti fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għal perjodu inizjali sal-31 ta' Diċembru 2017.

Il-perjodu inizjali jista' jiġi estiż billi jiġu emendati dawn l-Istatuti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23, waqt li jitqies il-progress li jkun sar biex jinkisbu l-għanijiet ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif u sakemm tkun żgurata is-sostenibbiltà finanzjarja.
- 4. Il-Personalità Ġuridika:** L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha jkollha personalità ġuridika. Fl-Istati Membri kollha tal-Komunità Ewropea, għandha tgawdi l-kapaċità ġuridika l-aktar estensiva akkordata lil persuni ġuridiċi skond il-liġijiet ta' dawk l-Istati. Tista', b'mod partikolari, takkwista proprjetà mobbli jew immobbli jew tiddisponi minnha and tkun parti fi proċeduri legali.

Artikolu 2

Ir-regoli tas-Sħubija u l-Adeżjoni

- 1. Il-Membri** ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom ikunu l-Komunità Ewropea rappreżentata mill-Kummissjoni, il-Mexxejja u l-Assoċjati tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata (ITDs). Il-lista tal-Mexxejja u Assoċjati tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata qegħda fl-Anness 2.

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Mexxejja ta' l-ITDs għandhom ikollhom viżibbiltà ġenerali ta' l-attivitajiet tal-JTI, u jkunu responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi ġenerali.

L-Assoċjati jipparteċipaw f'ITD waħda jew aktar, u jiddeċiedu flimkien deċiżjonijiet tekniċi li għandhom jittiegħdu dwar dawn l-ITDs.

- 2. Ir-Regoli ta' l-Adeżjoni:** Kwalunkwe entità pubblika jew privata stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru tista' tapplika biex issir Membru ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, skond il-kundizzjonijiet t'hawn taħt:

- l-entitajiet ġuridiċi li japplikaw biex isiru Mexxejja tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata għandhom jintrabtu li jisfruttaw ir-riżultati tagħha wara, li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-ispejjeż rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif b'impenn proporzjonat mal-baġit sħiħ tagħha, u li jikkontribwixxu għad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata li jmexxu.
- l-entitajiet ġuridiċi li japplikaw biex isiru Assoċjati għandhom jintrabtu li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-Impriża Konġunta Sema Nadif f'ITD waħda jew aktar skond limiti stabbiliti minn qabel ta' mpenn proporzjonat mal-baġit ta' dik l-ITD, u li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-ispejjeż rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

3. Id-Deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv: Kwalunkwe applikazzjoni għal sħubija ġdida fl-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tiġi ndirizzata lill-Bord Eżekuttiv għall-approvazzjoni tiegħu (skond il-proċeduri deskritti fl-Artikolu 5) u tiġi ppreżentata lill-Kunsill għall-informazzjoni tiegħu.

4. Is-Sħubija fl-Impriża Konġunta Sema Nadif ma tistax tiġi ttrasferita lil terza parti ħlief bl-approvazzjoni minn qabel tal-Bord Eżekuttiv.

Artikolu 3

L-Għanijiet u l-Attivitajiet

1. L-għanijiet ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom ikunu s-segwenti:

- Li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru u tat-Tema 7, Trasport (inkluża l-Aeronawtika) tal-Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni';
- Li toħloq Sistema radikalment innovattiva tat-Trasport bl-Ajru ibbażata fuq l-integrazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati u dimostraturi fuq skala fil-kobor, bil-għan li jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport bl-ajru permezz ta' tnaqqis tal-ħoss u l-emissjonijiet tal-gass, u titjib fl-ekonomija tal-fjuwil fl-ajruplani;
- Li tiżgura l-implimentazzjoni koerenti ta' l-isforzi tar-riċerka Ewropej għall-ilħiq ta' titjib ambjentali fil-qasam tat-Trasport bl-Ajru;
- L-taċċellera l-ġenerazzjoni ta' għarfien ġdid, ta' l-innovazzjoni u l-uptake tar-riċerka f'teknoloġiji strateġiċi, li jwasslu għal kompetittività industrijali aktar b'saħħitha;
- Li tgħaqqad flimkien firxa ta' Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata bl-enfasi fuq teknoloġiji innovattivi u l-iżvilupp ta' dimostraturi fuq skala sħiħa;
- Li tiffoka l-isforzi fi ħdan id-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata fuq riżultati importanti li jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali u tal-kompetittività ta' l-Ewropa;
- Li ttejjeb il-proċess tal-verifika tat-tekonoloġija sabiex tidentifika u tneħħi l-ostakoli għall-penetrazzjoni futura tas-suq;
- Li tiġbor flimkien il-ħtiġijiet ta' l-utenti biex tiggwida l-investment fir-riċerka u l-iżvilupp lejn soluzzjonijiet li jaħdmu u li jistgħu jinbiegħu;
- Li timplimenta l-attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp meħtieġa, fejn ikun xieraq billi tagħti għotjiet wara Sejħiet għal Proposti.

2. L-attivitajiet prinċipali ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom ikunu s-segwenti:

- Li tagħmel għotjiet li jappoġġaw riċerka mwettqa mill-Membri tagħha u minn entitajiet oħra magħżula wara Sejħiet għal Proposti;
- Li tiżgura l-provvista ta' kuntratti għal servizzi u għal provvisti, fejn ikun xieraq, permezz ta' Sejħiet għal Offerti;

- Li tagħmel kwalunkwe aġġustament neċessarju fid-dawl ta' l-iżviluppi li jsiru waqt l-implimentazzjoni;
- Li timmobilizza l-finanzjament meħtieġ mis-settur pubbliku u dak privat;
- Li tikkonsulta ma' l-attivitajiet nazzjonali u internazzjonali fil-qasam tekniku ta' l-Impriża Konġunta;
- Li żżomm relazzjonijiet ma' Grupp Rappreżentattiv ta' Stati Nazzjonali li għandu jitwaqqaf, kif ukoll ma' l-ACARE (it-tnejn permezz tal-Kummissjoni);
- Li tinnotifika entitajiet ġuridiċi li jkunu kkonkludew ftehim dwar għotja ma' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, bl-opportunitajiet potenzjali għal self mill-Bank ta' Investiment Ewropew, b'mod partikolari il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Qsim tar-Riskju stabbilita skond is-Seba' Programm Kwadru.

Artikolu 4 *Il-Korpi*

1. Il-korpi ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom ikunu l-**Bord Eżekuttiv**, id-**Direttur**, il-**Kumitati tat-Tmexxija tad-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata**, u l-**Forum Ġenerali**.
2. Jekk biċċa xogħol speċifika ma tiġix assenjata lil wieħed minn dawn il-korpi, il-Bord Eżekuttiv għandu jkun il-korp kompetenti.
3. Għandu jitwaqqaf **Bord Konsultattiv** kif ikun f'loku mill-Impriża Konġunta, biex jagħti pariri u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Impriża Konġunta Sema Nadif dwar suġġetti ta' ġestjoni, finanzi u teknika. Il-Bord Konsultattiv għandu jinħatar mill-Kummissjoni.

Artikolu 5 *Il-Bord Eżekuttiv*

1. Il-Bord Eżekuttiv huwa l-**korp ta' tmexxija** ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.
2. **Il-kompożizzjoni:** Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun kompost minn rappreżentanti nnominati mill-paritjiet segwenti:
 - Il-Komunità Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni
 - Il-Mexxejja tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata
 - Assoċjat wieħed għal kull Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata, fuq bażi ta' rotazzjoni annwali.

3. Il-voti:

Kull parti fil-Bord Eżekuttiv għandha jkollha vot indaqs. Madankollu, il-Komunità għandha jkollha d-dritt tal-veto għall-kwistjonijiet kollha ta' interess pubbliku fuq is-suġġetti segwenti:

- L-użu ta' kontributi Komunitarji;
- Id-definizzjoni jew tibdil fl-orjentament Strateġiku;

- Id-dħul ta' mexxejja u Assoċjati ġodda ta' Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata;
- L-għażla ta' sħab esterni;
- It-trasferiment tas-Shubija;
- L-adozzjoni ta' tibdiliet kbar fl-allokkazzjonijiet tal-baġit²⁰ lid-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata;
- L-azzjonijiet kontra Mexxejja tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata li jonqsu u r-riżoluzzjoni ta' tilwim relatat;
- Il-proċeduri ta' l-għażla permezz ta' Sejħiet għal Proposti/Offerti;
- L-arbitraġġ tat-tieni istanza dwar deċiżjonijiet ta' għażla ta' sħab li jiġu kkontestati;
- It-tnehhija tad-Direttur;
- Il-likwidazzjoni u l-istralċ ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif;
- Regoli għall-valutazzjoni ta' kontributi *in natura*;
- Derogi mir-Regolament Kwadru Finanzjarju;
- Emendi għall-Istatuti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif;
- Jistgħu jiżiedu suġġetti oħra wara l-approvazzjoni tal-Bord Eżekuttiv.

Il-Bord Eżekuttiv għandu jieħu deċiżjonijiet b' maġġoranza ta' 2/3 tal-voti kollha eliġibbli. Il-voti eliġibbli jinkludu dawk ta' membri li ma jkunux preżenti għall-laqgħa.

Il-kunsens tal-Mexxejja kollha tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata milquta huwa meħtieġ biex tiġi modifikata l-allokkazzjoni tal-baġit lil u fi ħdan id-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata.

4. Il-presidenza:

a. Il-Bord Eżekuttiv għandu jaħtar president u viċi-president minn fost ir-rappreżentanti tiegħu.

b. Il-president u l-viċi-president tal-Bord Eżekuttiv għandhom jiġu eletti għal perjodu ta' sena u jistgħu jerġgħu jiġu eletti għal sena oħra.

5. Il-laqgħat: Il-Bord Eżekuttiv għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena.

Laqgħat straordinarji għandhom jissejju fuq talba tal-president tal-Bord Eżekuttiv jew tal-Kummissjoni jew tad-Direttur.

Il-laqgħat normalment għandhom isiru fis-sede ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

Ħlief jekk jiġi deċiż mod ieħor, id-Direttur għandu jipparteċipa fil-laqgħat.

²⁰ Titqies bħala bidla "kbira" fil-baġit waħda fl-ordni ta' 10% tal-baġit ta' l-ITD kkonċernat.

6. Ir-responsabbiltajiet:

Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun responsabbli, b'mod partikolari:

- Għad-definizzjoni ta' l-orjentament strateġiku;
- Għall-konklużjoni, r-rinunzja u/jew il-korrezzjoni ta' kuntratti;
- Għall-adozzjoni tal-baġit u tal-kontijiet annwali ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif;
- Għall-adozzjoni ta' tibdil fl-allokkazzjoni tal-baġit lil Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata;
- Għall-adozzjoni tal-programmi annwali ta' ħidma ta' l-ITD;
- Biex jirċievi r-rapporti annwali mill-Mexxejja u d-Direttur tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata u għall-eżami tal-progress tar-riċerka;
- Għal azzjonijiet kontra Mexxejja ta' Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata li jonqsu u għal ftehim dwar tilwim;
- Għad-dħul ta' mexxejja u Assoċjati ġodda ta' Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata;
- Għat-trasferiment ta' Sħubija;
- Għar-reviżjoni fit-tieni istanza u l-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet in konnessjoni ma' l-għażla ta' sħab li jiġu kkontestati;
- Għall-adozzjoni ta' tibdil fir-riżultati/għanijiet prinċipali;
- Għall-ħatra, għat-titwil tal-mandat jew għat-tneħħija tad-Direttur;
- Għall-approvazzjoni tal-proposti tad-Direttur għal tibdil fil-livelli tal-persunal;
- Għar-reviżjoni ta' l-ambitu ta' l-awtorità tad-Direttur;
- Għall-approvazzjoni ta' l-istrateġija tal-Komunikazzjoni u d-Disseminazzjoni ta' l-Impriża Konġunta;
- Għall-approvazzjoni tal-prinċipji għall-konsultazzjoni u għad-djalogu mal-pubbliku;
- Għall-promozzjoni tad-diversità tar-riżorsi umani u l-ugwaljanza bejn is-sessi
- Għall-iżvilupp ta' strateġija ta' relazzjonijiet esterni f'perspettiv internazzjonali.

7. Ir-regoli:

Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta r-regoli ta' proċedura dettaljati tiegħu.

Artikolu 6
Id-Direttorat

1. Ir-responsibbiltà: Id-Direttur għandu jkun responsabli għat-tmexxija ġenerali ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif u huwa r-rappreżentant ġuridiku tagħha.

Id-Direttur għandu/ħa jwettaq/twettaq id-doveri tiegħu/tagħha b'indipendenza sħiħa.

Fir-rigward tal-persunal, id-Direttur għandu jeżerċita l-poteri kollha stipulati fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

2. Il-persunal: Id-Direttur għandu/ħa jkun/tkun mgħejjun/a fit-tweqqif tad-doversi tiegħu/tagħha mill-persunal tad-Direttorat. Il-persunal tad-Direttorat għandu jaqdi l-funzjonijiet kollha ta' appoġġ meħtieġa, li se jrin jiġu stipulati fid-dettall matul l-Azzjoni Tranżitorja li hija pplanata biex theggi għall-attivitatijiet tal-Impriża Konġunta.

Id-Direttur ta' l-Impriża Konġunta għandu jagħżel u jaħtar il-persunal tad-Direttorat.

3. Il-ħatra tad-Direttur

1. Id-Direttur għandu jinħatar mill-Bord Eżekuttiv minn fost lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni għal perjodu ta' massimu ta' tliet snin. Wara valutazzjoni tal-ħidma tad-Direttur, il-Bord Eżekuttiv jista' jestendi l-perjodu tal-kariga darba waħda, għal żmien adizzjonali ta' mhux aktar minn erba' snin.

2. Id-Direttur jista' jitneħħa mill-kariga mill-Bord Eżekuttiv.

4. Ir-rwol tad-Direttur: Id-Direttur għandu, b'mod partikolari:

- Jirraporta u jirrispondi għal għemilu lill-Bord Eżekuttiv
- Jikkoordina u jsegwi l-attivitajiet tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata (permezz ta' laqgħat ta' koordinazzjoni tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata), jipprepara rapporti tekniċi u finanzjarji.
- Jissorvelja attivitatijiet ta' integrazzjoni u ta' interazzjoni u jsejjaħ u jmexxi reviżjonijiet ta' Interazzjoni u l-Integrazzjoni skond kif ikun meħtieġ.
- Jippresjedi l-Kumitat ta' Tmexxija tad-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata ta' l-Evalwatur Teknoloġiku, jipparteċipa bħala osservatur attiv fil-Kumitati ta' Tmexxija tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata.
- Jissorvelja l-parteċipazzjoni ta' l-SMEs biex jiżgura li l-livelli mmirati ta' parteċipazzjoni jintlaħqu.
- Jimplimenta proċessi ta' Sejħiet għal Proposti u ta' Sejħiet għal Offerti abbażi tal-kontenut definit mill-Kumitat ta' Tmexxija rilevanti ta' l-ITD.
- Jimplimenta proċessi ta' reviżjoni fl-ewwel istanza fil-każ ta' appell, kif ukoll il-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet dwar l-għażla ta' Sħab li jiġu kkontestati.
- Jivverifika l-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' mexxejja ta' Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata, Assoċjati, jivverifika l-infiq mal-pjanijiet u jwettaq evalwazzjonijiet ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji fuq bażi annwali.

- Jipprepara l-baġits annwali, jimplementahom, u jirrappreżenta l-Impriża Konġunta fil-proċedura annwali ta' l-approvazzjoni tal-baġit.
- Jipprovdi lill-Bord Eżekuttiv u lill-Kummissjoni bir-rapporti tekniċi u finanzjarji
- Jipprepara, flimkien mal-president tal-Bord Eżekuttiv, l-Aġenda tal-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv.
- Jattendi laqgħat tal-gruppi ta' l-ACARE u ta' l-Istati Membri flimkien mal-Kummissjoni u jirraporta dwar l-istatus ta' l-Impriża Konġunta, inklużi kwistjonijiet dwar SMEs.
- Imexxi l-aspetti tal-komunikazzjoni u tar-relazzjonijiet pubbliċi ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, inkluża l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' preżentazzjoni u disseminazzjoni.
- Jorganizza d-djalogu ma' l-utenti u mal-gruppi interessati rilevanti.

Artikolu 7

Il-Kumitati ta' Tmexxija tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata

1. It-twaqqif: Il-Kumitati ta' Tmexxija tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata (ITD) għandhom jitwaqqfu mill-Bord Eżekuttiv għal kull wieħed mis-sitt Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata. Għandhom jitwaqqfu l-ITDs segwenti:

- Inġenji ta' l-Ajru Intelliġenti bil-Ġwienaħ Fissi
- Inġenji ta' l-Ajru Reġjonali Ħodor
- Inġenji Ħodor li Jaħdmu bir-Rotors
- Sistemi għal Operazzjonijiet Ħodor
- Magna Ħadra u Sostenibbli
- Eko-Disinn

Għandu jitwaqqaf Evalwatur tat-Teknoloġija waqt il-fażi inizjali ta' Sema Nadif. Ir-rwol tiegħu ikun li jevalwa l-progress fl-ITDs individwali u li jagħti kontribut biex jinkiseb l-aħjar twettiq tas-Sema Nadif u l-aħjar użu tar-riżorsi ġenerali tiegħu.

2. Il-kompożizzjoni: Kull Kumitat tat-Tmexxija ta' Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata għandu jkun magħmul minn:

- Il-president – rappreżentant anzjan tal-Mexxej(ja) tad-Dimostratur(i) tat-Teknoloġija Integrata
- Rappreżentanti ta' kull Assoċjat minn fost il-mexxejja tad-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata u Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata oħra li qed jipparteċipaw
- Id-Direttur u l-Uffiċjal Responsabbli tad-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata

- Rappreżentant tal-Kummissjoni kif ikun xieraq/jekk mitlub mid-Direttorat ta' l-Impriża Konġunta, bħala osservatur
- Mexxejja ta' Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata oħra b'interess fir-riżultati tad-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata meta jiġu mistiedna

3. Il-laqgħat: Kull Kumitat tat-Tmexxija ta' Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata għandu jiltaqa' mill-inqas kull tliet xhur.

Laqgħat straordinarji għandhom jissejju fuq talba tal-president tal-Kumitat tat-Tmexxija tad-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata rilevanti u tad-Direttur.

4. Ir-responsabbiltà: Kull Kumitat tat-Tmexxija ta' Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata għandu jkun responsabbli:

- Biex jiggwida l-funzjonijiet tekniċi tad-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata tiegħu u jieħu deċiżjonijiet f'isem l-Impriża Konġunta Sema Nadif fuq il-kwistjonijiet tekniċi kollha speċifiċi għad-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata rilevanti.
- Biex jistabbilixxi l-programmi dettaljati annwali ta' ħidma għall-ITD.
- Biex jiddefinixxi l-kontenut tas-Sejħiet għal Proposti kif ukoll jagħżel is-sħab esterni.
- Biex jiddefinixxi l-kontenut tas-Sejħiet għall-Offerti flimkien mal-Membru kkonċernat u f'kooperazzjoni miegħu.
- Biex jeleġġi ir-rappreżentant Assoċjat tiegħu fuq il-Bord Eżekuttiv.

5. Il-voti: Kull Kumitat tat-Tmexxija ta' Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata għandu jieħu d-deċiżjonijiet b'maġġoranza sempliċi bil-voti peżati skond l-impenn finanzjarju lid-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata ta' kull membru tal-Kumitat tat-Tmexxija. Il-Mexxejja tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata se jkollhom id-dritt fuq kwalunkwe riżoluzzjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tad-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata li tagħha jkunu l-mexxejja.

6. Ir-regoli: Kull Kumitat tat-Tmexxija ta' Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata għandu jadotta ir-regoli ta' proċedura tiegħu inklużi dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-mexxejja tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata, inklużi d-drittijiet tal-veto.

Artikolu 8 *Il-Forum Ġenerali*

1. Il-Forum Ġenerali huwa **korp konsultattiv ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.**

Il-Forum Ġenerali għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn:

- kull Membru ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif
- l-entitajiet ġuridiċi magħżula wara li jinħarġu Sejħiet għal Proposti fil-livell tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata.

2. Il-laqgħat: Il-Forum Ġenerali għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena.

Laqgħat straordinarji għandhom jissejju fuq talba ta' mill-inqas 30% tal-membri tal-Forum Ġenerali.

Il-laqgħat għandhom normalment isiru fi Brussell.

3. Ir-rwol: Il-Forum Ġenerali għandu:

- Jkun infurmat dwar l-istatus ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.
- Jkun infurmat dwar il-baġit annwali u jirċievi r-rapporti u l-kontijiet annwali.
- Jagħmel rakkomandazzjonijiet u jqajjem kwistjonijiet, b'maġġoranza ta' 2/3 tal-voti, lill-Bord Eżekuttiv u lid-Direttur dwar kwistjonijiet ta' natura teknika, maniġerjali u finanzjarja.

4. Ir-regoli: Il-Forum Ġenerali għandu jadotta ir-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 9 *Il-Kumitat ta' Verifika*

1. Il-Kumitat ta' Verifika għandu jikkonsisti f'5 persuni maħtura għal perjodu ta' 4 snin mill-Bord Eżekuttiv, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, minn fost konsulenti esterni b'għarfien espert xieraq fil-verifika u l-kontroll finanzjarju ta' organizzazzjonijiet akkademiċi, ta' riċerka u kummerċjali.
2. Il-Kumitat ta' Verifika għandu jwettaq dmirijietu f'indipendenza sħiħa mill-korpi l-oħra ta' l-Impriża Konġunta.
3. Il-Kumitat ta' Verifika għandu jaħtar il-President tiegħu.
4. Il-Kumitat ta' Verifika għandu jirrevedi l-kontijiet proviżorji u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Bord Eżekuttiv u lid-Direttur.
5. Il-funzjonijiet fdati lill-awditur intern tal-Kummissjoni n l-Artikolu 185(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 għandhom jitwettqu taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat ta' Verifika, li għandha tiddisponi kif jixraq għal dan.
6. Il-Kumitat ta' Verifika għandu jstabbilixxi l-karta tiegħu b'taġħrif dwar il-kompożizzjoni, ir-rwol u r-responsabbiltajiet tiegħu.

Artikolu 10 *Is-sorsi ta' finanzjament*

1. Ir-riżorsi kollha ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom ikunu ddedikati għall-għanijiet definiti fl-Artikolu 3.1 ta' dawn l-Istatuti.
2. Ir-riżorsi ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom ikunu magħmula minn kontribuzzjonijiet miġbura mill-Membri taġħha u l-affiljati parteċipanti taġħhom. Affiljati parteċipanti għandu jiġi definiti bħala entità ġuridika li:

- Tkun direttament jew indirettament ta' proprjeta' jew kontrollata minn, jew li jkollha u tikkontrolla, jew tkun taħt l-istess sjieda jew kontroll, bħall-mexxej jew l-Assoċjat ta' l-ITD rilevanti;
 - Tkun inkorporata u residenti fi, u soġġetta għal-liġi ta', Stat Membru tal-Komunita', jew Stat Assoċjat fis-7 Programm Kwadru;
 - Tipparteċipa fl-attivitajiet tal-Mexxej jew ta' l-Assoċjat ta' l-ITD rilevanti fil-programm ta' ħidma tas-Sema Nadif.
3. Il-Komunita' Ewropea għandha tikkontribwixxi sa Euro 800 miljun lill-Impriża Konġunta Sema Nadif, inkluż għall-ispejjeż rikorrenti tagħha.
 4. L-ispejjeż rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-Komunita' Ewropea min-naħa l-waħda, li se tikkontribwixxi 50% ta' l-ispiża totali, u min-naħa l-oħra mill-bqija tal-Membri, li se jikkontribwixxu fi flus kontanti l-50% li jkun fadal. L-ispejjeż rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif ma għandhomx 3% tal-baġit totali tagħha.
 5. Ir-riżorsi kollha għandhom jiddaħħlu fil-baġit annwali.
 6. Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Komunita' Ewropea lill-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tkun soġġetta għall-verifika ta' l-attivitajiet imwettqa mill-Membri l-oħra.
 7. Jekk kwalunkwe Membru ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, jew kwalunkwe affiljati parteċipanti, jonqsu li jissodisfaw l-impenji tagħhom fir-rigward tal-kontribuzzjoni miftehma, il-Bord Eżekuttiv għandu jiddeċiedi:
 - fil-każ ta' Membru li jonqos, jekk il-Membri l-oħra għandhomx jirrevokaw is-sħubija tal-Membru li jkun naqas jew jekk għandhomx jittieħdu kwalunkwe miżuri oħra sakemm l-obbligazzjoni tiegħu tkun ġiet sodisfatta; jew
 - fil-każ ta' affiljat parteċipant li jonqos, jekk il-Membri l-oħra għandhomx jirrevokaw il-parteċipazzjoni ta' l-affiljat li jonqos jew jekk għandhomx jittieħdu kwalunkwe miżuri oħra sakemm l-obbligazzjoni tiegħu tkun ġiet sodisfatta.
 8. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha jkollha s-sjieda ta' l-assi tanġibbli kollha maħluqa minnha jew trasferiti lilha. Id-Dimostraturi u prodotti oħra tanġibbli u intanġibbli tal-programm ta' riċerka u żvilupp tas-Sema Nadif għandhom ikunu proprjeta' tal-Membri u/jew Sħab li jgħolquhom.

Artikolu 11

Il-kontribuzzjonijiet għall-attivitajiet imwettqa fl-Impriża Konġunta Sema Nadif

1. Sabiex jappoġġjaw l-attivitajiet li se jiġu żviluppanti fl-Impriża Konġunta Sema Nadif, il-Membri l-oħra ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom jipprovdu riżorsi ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tal-Komunita'; din tinkludi l-kontribuzzjoni tagħhom għall-ispejjeż rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.
2. Il-kontribut tal-Komunita' għandu jitqassam kif ġej:

- Ammont sa EUR 400 miljun għandu jiġi allokat lill-mexxejja ta' l-ITD u ammont sa EUR 200 miljun lill-assoċjati ta' l-ITD²¹ Il-mexxejja u l-assoċjati ta' l-ITD se jrin jikkontribwixxu riżorsi ugwali għal talanqas 50% tal-kontribut Komunitarju.
 - Ammont ta' talanqas EUR 200 miljun għandu jiġi allokat għas-sħab esterni [proġetti] magħżula permezz ta' Sejħiet għal Proposti. Il-kontribut finanzjarju tal-Komunità għandu jkun limitat għal 50% ta' l-ispejjeż eliġibbli totali.
3. Tqassim preliminari tal-kontribut Komunitarju lid-diversi attivitajiet ta' riċerka ġie stabbilit kif ġej²²:
- 24% għall-Inġenji ta' l-Ajru Intelliġenti bi Ġwienaħ Fissi
 - 11% għall-Inġenji ta' l-Ajru Reġionali Ħodor
 - 10 għall-Inġenji ta' l-Ajru Ħodor bir-Rotors
 - 27% għall-Magni Sostenibbli u Ħodor
 - 19% għas-Sistemi għal Operazzjonijiet Ħodor
 - 7% għall-Eko-Disinn
 - 2% għall-Evalwatur tat-Teknoloġija

Analiżi dettaljata ta' l-alokazzjonijiet tar-riżorsi mad-diversi pakketti ta' ħidma u membri ta' l-Impriża Konġunta għandha tiġi stabbilita matul l-azzjoni tranżitorja li sejra tħejji l-konstruzzjoni ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif. L-analiżi dettaljata sejra tiġi adottata mill-Bord Eżekuttiv. Dan il-proċess għandu jseħħ taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni, u jsegwi l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-membri, b'kunsiderazzjoni tar-riamrka fin-nota 20 ta' qiegħ il-paġna.

4. Ħlief għall-ispiża rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, kontribuzzjonijiet li ma jkunux fi flus huma possibbli. Dawn ikunu soġġetti għal evalwazzjoni tal-valur u r-rilevanza tagħhom għat-twettieq ta' l-attivitajiet ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, u jridu jiġu aċċettati mill-Bord Eżekuttiv. Il-proċedura għall-kejl tal-valur tal-kontribuzzjonijiet li mhumiex fi flus għandha tiġi deċiża fid-dettall matul l-azzjoni tranżitorja prevista għas-Sema Nadif u tiġi adottat mill-Bord Eżekuttiv. Għandha tibbaża fuq il-prinċipji li ġejjin:
- L-approċċ globali għandu jibbaża fuq il-*modus operandi* ta' l-FP7, fejn kontribuzzjonijiet li ma jkunux fi flus għal proġetti jiġu vvalutati fil-livell tar-reviżjoni.

²¹ Din l-analiżi tat-tqassim ta' l-ispejjeż hija konformi mal-prassi normali fil-proġetti R&D fl-aeronawtika, li fihom il-parti l-kbira tax-xogħol u l-investment tkun f'idejn l-integraturi l-kbar.

²² Dan it-tqassim inkiseb permezz ta' l-approċċ "minn isfel għal fuq", fejn ir-rekwiżiti finanzjarji ta' l-ITDs individwali u l-Evalwatur tat-Teknoloġija ġew skedati ma' l-għanijiet tekniċi tagħhom.

- Jintużaw bħal linji ta' gwida r-Regoli ta' Implimentazzjoni tar-Regolamenti Finanzjarji (IR FR).
 - Ħwejjeġ addizzjonali għandhom ikunu koperti bl-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.
 - Il-valutazzjoni tal-kontributi għandha ssir f'konformità mal-valuri li jkunu ġeneralment aċċettati fis-suq ikkonċernat (Artikolu 172(2)(b) IR FR).
 - Il-verifiki għandhom jitwettqu minn awditur indipendenti.
5. Il-kontribuzzjonijiet tal-membri l-oħra għandhom jiġu reġistrati mill-Impriża Konġunta Sema Nadif.

Artikolu 12
Impenji finanzjarji

L-impenji finanzjarji ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif m'għandhomx jeċċedu l-ammont tar-riżorsi finanzjarji għad-dispożizzjoni tagħha.

Artikolu 13
Is-sena finanzjarja

Kull sena, id-Direttur għandu jibgħat lill-Bord Eżekuttiv previżjoni ta' l-ispiża annwali għas-sentejn ta' wara.

Artikolu 14
Ir-Regolament Finanzjarju

1. Ir-Regolament Finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandu jiġu maqbul u adottat mill-Bord Eżekuttiv ts-Sema Nadif.
2. Ir-Regolament Finanzjarju ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandu jibbaża fuq il-prinċipji tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas²³. Jista' jitbiegħed mir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas fejn ikunu jirrikjedu hekk il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, u soġġett għall-qbil minn qabel tal-Kummissjoni.

Artikolu 15
L-implimentazzjoni finanzjarja

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimplementa l-baġit ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

²³ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72; rettifika fil-ĠU L 2, 7.1.2003, p. 39.

Artikolu 16
Ir-rappurtar finanzjarju

1. Kull sena, id-Direttur għandu jippreżenta lill-Bord Eżekuttiv abbozz preliminari tal-baġit li għandu jinkludi previżjoni ta' l-infiq annwali għas-sentejn ta' wara. F'din il-previżjoni, l-istimi ta-dħul u l-infiq għall-ewwel waħda minn dawk is-sentejn finanzjarji għandhom jitfasslu fid-dettall skond ma jkun meħtieġ għall-proċedura interna tal-baġit ta' kull Membru rigward il-kontributi finanzjarji tiegħu għall-Impriża Konġunta Sema Nadif. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jipprovdi lill-Bord kull informazzjoni supplimentari meħtieġa għal dan il-għan.
2. Il-Bord għandu minnufih jikkomunika l-kummenti tiegħu dwar l-abbozz preliminari tal-baġit lid-Direttur Eżekuttiv, u b'mod partikolari dwar l-estimi tar-riżorsi u l-infiq għas-sena ta' wara.
3. B'kunsiderazzjoni tal-kummenti li jkunu waslulu mingħand il-Bord, id-Direttur Eżekuttiv għandu jipprepara l-abbozz tal-baġit għas-sena ta' wara. Qabel l-1 ta' Settembru ta' kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta l-baġit annwali lill-Bord, għall-approvazzjoni.
4. Fi żmien xahrejn wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta l-kontijiet u l-bilanċi annwali għas-sena ta' qabel lill-Bord, għall-approvazzjoni.
5. Fi żmien xahrejn wara tmiem kull sena finanzjarja, il-kontijiet proviżorji ta' l-Impriża Konġunta għandhom jiġu ppreżentati lil-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej ('il-Qorti ta' l-Awdituri'). Il-Qorti ta' l-Awdituri, sal-15 ta' Ġunju wara tmiem kull sena finanzjarja, għandha tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji ta' l-Impriża Konġunta.
6. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandu jikkomunika l-kontijiet proviżorji lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni, flimkien ma' rapport dwar it-tmexxija finanzjarja u tal-baġit għal dik is-sena finanzjarja. L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet proviżorji ta' l-istituzzjonijiet u korpi diċentralizzati skond l-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

Artikolu 17
Ir-rapportar u l-ippjanar annwali

1. Rapport annwali għandu jiddeskrivi l-attivitajiet imwettqa matul is-sena ta' qabel u l-ispejjeż korrispondenti.
2. Il-programm ta' implimentazzjoni annwali għandu jiddeskrivi l-attivitajiet ippjanati għas-sena li tkun ġejja, u r-riżorsi stmati.

Artikolu 18
Il-persunal

1. Ir-riżorsi tal-persunal għandhom jiġu stabbiliti fil-pjan ta' l-istabbiliment ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif li għandu jiġi stabbilit fil-baġit annwali.
2. Il-membri tal-persunal ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom ikunu aġenti temporanji u aġenti b'kuntratt u għandhom ikollhom kuntratti għal żmien definit li jistgħu jiġġeddu darba sa perjodu totali massimu ta' seba' snin.]
3. L-ispejjeż kollha relatati ma' dan il-persunal għandhom jitħallsu mill-Impriża Konġunta Sema Nadif, skond l-Artikolu 9.
4. Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta l-arranġamenti implimentattivi neċessarji.

Artikolu 19
Ir-Responsabbiltà, l-Assikurazzjoni

1. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tkun responsabbli unikament biex tissodisfa l-obbligazzjonijiet tagħha.
2. Il-Membri ma għandu jkollhom l-ebda responsabbiltà għad-djun ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.
3. L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tagħmel u żżomm assikurazzjoni adattata.

Artikolu 20
Il-konflitt ta' interessi

L-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tevita kwalunkwe konflitt ta' interess fl-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet tagħha.

Il-membri nvoluti biex jiddefinixxu xogħol li jkun soġġett għal Sejħa għal Proposti jew għal Sejħa għal Offerti, ma jistgħux jieħdu sehem fit-tweqqif ta' dan ix-xogħol.

Artikolu 21
Il-politika dwar il-proprjetà intellettuali

Il-politika dwar il-proprjetà intellettuali ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif se tkun inkorporata fil-ftehimiet dwar għotjiet konklużi mill-Impriża Konġunta Sema Nadif.

L-għanijiet tagħha huma li tippromwovi l-ħolqien ta' l-għarfien u l-isfruttament tiegħu, li tikseb l-allokazzjoni ġusta ta' drittijiet, li tippremja l-innovazzjoni, u li tikseb il-parteċipazzjoni wiesa' ta' entitajiet privati u pubbliċi li jirrispondu għal Sejħiet għal Proposti, soġġetti għall-iffirmar ta' ftehim dwar l-għotja ma' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

Il-politika ta' l-IP għandha tkun regolata mill-prinċipji segwenti:

1. Kull entità ġuridika li tkun ikkonkludiet ftehim dwar għotja ma' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tibqa' l-proprietarja ta':
 - L-informazzjoni li tkun f'idejn il-parteċipanti qabel l-adeżjoni tagħhom mal-kuntratt ta' l-għotja, kif ukoll għad-drittijiet ta' l-awtur jew drittijiet intelletwali oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-informazzjoni, li l-applikazzjoni għalihom tkun saret qabel l-adeżjoni tagħhom mal-kuntratt ta' l-għotja, u li tkun meħtieġa għat-twertiq tal-proġett jew biex jintuża l-Ewwel Pjan tal-proġett (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "L-Isfond");
 - Ir-riżultati, inkluża l-informazzjoni, sew jekk jistgħu jiġu protetti u sew jekk ma jistgħux, li jiġu ġenerati mill-proġett ikkonċernat. Dawk ir-riżultati jinkludu drittijiet relatati mad-dritt ta' l-awtur, drittijiet ta' disinnji; drittijiet ta' brevetti jew forom simili ta' protezzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "L-Ewwel Pjan"). L-Ewwel Pjan żviluppat b'mod konġunt għandu jappartjeni lill-parteċipanti kollha li jżviluppawh jekk il-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom ma jistgħux jiġu konfermati. Ħlief jekk jiġi miftiehem mod ieħor kwalunkwe proprietarju konġunt għandu jkun intitolat li juża l-Ewwel Pjan żviluppat b'dak il-mod konġunt, mingħajr ħlas, fin-negozju tiegħu u għal riċerka futura.
 - Dawk li kkreaw l-Ewwel Pjan għandhom jieħdu passi raġonevoli biex jipproteġuh, b'mod partikolari billi japplikaw għal brevetti. Meta dawk il-passi ma jittieħdux minn dak li kkreaw jew minn parteċipanti oħra fl-ITD bil-kunsens ta' dak li kkreaw, l-Impriża Konġunta stess, permezz tal-Kumitat tat-Tmexxija ta' l-ITD rilevanti, tista' tapplika għall-protezzjoni.
2. It-termini u l-kundizzjonijiet tad-drittijiet għall-aċċess u tal-liċenzji bejn entitajiet ġuridiċi li jkunu kkonkludew ftehim ta' għotja ma' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom jiġu definiti fir-rigward ta' l-Isfond u l-Ewwel Pjan għall-iskopijiet li jitlestew il-proġetti, L-Ewwel Pjan għall-użu tar-riċerka u l-Isfond neċessarju biex jintuża l-Ewwel Pjan għall-użu tar-riċerka;
3. Sakemm ikun hemm garanziji ta' kunfidenzjalità adattati, l-entitajiet legali li jkunu kkonkludew ftehim ta' għotja ma' l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandhom jagħtu l-informazzjoni relatata ma' l-Ewwel Pjan u jxerrdu l-Ewwel Pjan skond it-termini u l-kundizzjonijiet definiti fil-ftehim ta' l-għotja.

Artikolu 22

Il-likwidazzjoni u l-istralċ

1. Fl-aħħar tal-perjodu li hemm maħsub fl-Artikolu 1.3, jew wara deċiżjoni tal-Kunsill, l-Impriża Konġunta Sema Nadif għandha tiġi likwidata.
2. Għall-iskop tat-tmexxija tal-proċeduri tal-likwidazzjoni ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif, il-Bord għandu jaħtar likwidatur wieħed jew aktar, li għandhom jikkonformaw rwieħom mad-deċiżjonijiet tal-Bord.
3. Meta l-Impriża Konġunta Sema Nadif tkun qed tiġi likwidata, għandha tirritorna lill-istat ospitanti kwalunkwe oġġett fiżiku ta' appoġġ li jkun tqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha mill-istat ospitanti skond il-ftehim ta' ospitant.

4. Meta kwalunkwe oġġett fiżiku ta' appoġġ ikun ġie trattat kif kontemplat fil-paragrafu 3, kwalunkwe assi oħra għandhom jintużaw biex jitħallsu d-djun ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif u l-ispejjeż relatati mal-likwidazzjoni tagħha. Kwalunkwe eċċess għandu jitqassam bejn il-Membri eżistenti fiż-żmien tal-likwidazzjoni fi proporzjon mal-kontribut effettiv tagħhom lill-Impriża Konġunta Sema Nadif.
5. L-assi li jkun baqa' għandhom jitqassmu lill-Membri eżistenti fiż-żmien meta ssir il-likwidazzjoni fi proporzjon mal-kontribut effettiv tagħhom lill-Impriża Konġunta Sema Nadif.
6. Għandha tiġi stabbiliti proċedura ad hoc sabiex tiżgura t-tmexxija xierqa ta' kwalunkwe ftehim ta' għotja u kuntratt ta' servizz u ta' provvista, li jkollu tul ta' żmien itwal mit-tul ta' żmien ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

Artikolu 23
Emendi għall-Istatuti

1. Kwalunkwe Membru ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif jista' jagħmel proposta lill-Bord biex jiġu emendati dawn l-Istatuti.
2. Emendi għal dawn l-Istatuti għandhom jiġu approvati mill-Bord, u jiġu deċiżi mill-Kummissjoni. Jekk emenda tolqot il-prinċipji u għanijiet ġenerali ta' dawn l-Istatuti, tkun tinħtieġ l-approvazzjoni tal-Kunsill. Kwalunkwe emenda lill-Artikolu 1(3) u lill-Artikolu 10(3) għandha tkun soġġetta għal reviżjoni tar-Regolament li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

Artikolu 24
Il-liġi applikabbli

Fi kwalunkwe kwistjoni li mhix koperta b'dawn l-Istatuti jew b'atti tal-Liġi tal-Komunità, għandha tapplika l-liġi ta' l-Istat Belġjan.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' l-Impriża Konġunta "Sema Nadif" (Inizjattiva Teknoloġika Konġunta).

2. QAFAS ABM / ABB

Qasam (oqasma) tal-Politika ikkonċernat(i) u Attività/Attivitajiet assoċjata(i):

Attività: "Kooperazzjoni", tema "Trasport (inkluża l-Aeronawtika)"

Għan: "Ibbażata fuq avvanzi teknoloġiċi u amministrattivi u fuq il-politika tat-trasport Ewropea, għall-iżvilupp ta' sistemi tat-trasport pan-Ewropej integrati, b'inqas periklu, li jirrispettaw aktar l-ambjent u 'aktar inteliġenti', għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha, tas-soċjetà u tal-klima politika, li jirrispettaw l-ambjent u r-riżorsi naturali; u li jiżguraw u jkomplu jiżviluppaw il-kompetittività miksuba mill-industriji Ewropej fis-suq globali."

3. LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Il-linji tal-baġit (linji amministrattivi u linji ta' assistenza teknika u amministrattiva relatati (linji ex- B..A)) inklużi l-intestaturi:

08.07.01 10 – "Infiq operattiv għal attivitajiet ta' riċerka ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif"

08.07.01 20 – "Infiq ta' appoġġ għall-ispejjeż rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif"

3.2. It-tul ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

L-Impriża Konġunta Sema Nadif hija mistennija tiġi stabbilita b'Regolament tal-Kunsill sa tmiem l-2007, għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017. L-impatt tagħha fuq il-baġit ta' l-UE għandu jintemm wara l-2013.

3.3. Karatteristiċi tal-baġit :

Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa		Ġdida	Kontribuzzjoni ta' l-EFTA	Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiva finanzjarja
08.07.01 10	Mhux komp	Diff ²⁴	LE	IVA	IVA	Nru 1A
08.07.01 20	Mhux komp	Mhux Diff.	IVA	IVA	IVA	Nru 1A

²⁴ Approprijazzjoni differenzjata.

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. Sommarju ta' l-appropriazzjonijiet għall-impenji (CA) u ta' l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (PA)

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

Tip ta' nefqa	Taqsimanru.		2008	2009	2010	2011	2012	2013 u wara	Total
Nefqa operattiva²⁵									
Appropriazzjonijiet għall-impenji (CA)	8.1.	a	45,000	86,375	119,375	129,375	136,375	259,500	776,000
Appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (PA)		b	38,250	80,169	114,425	127,875	135,325	279,956	776,000
Nefqa amministrattiva fl-ammont ta' referenza²⁶									
Għajjuna teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4.	c	2,000	3,625	3,625	3,625	3,625	7,500	24,000
TOTAL TA' L-AMMONT TA' REFERENZA									
Appropriazzjonijiet għall-impenji		a+c	47,000	90,000	123,000	133,000	140,000	267,000	800,000
Appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet		b+c	40,250	83,794	118,050	131,500	138,950	287,456	800,000
Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza²⁷									
Riżorsi umani u nefqa assoċjata (NDA)	8.2.5.	d	0.351	0.351	0.351	0.351	0.351	0.702	2.457
Spejjeż amministrattivi barra spejjeż ta' riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6.	e	0.013	0.013	0.013	0.363	0.013	0.376	0.791
Spiża finanzjarja indikattiva totali ta' l-intervent									
TOTAL CA inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a+c +d +e	47,364	90,364	123,364	133,714	140,364	268,078	803,248
TOTAL PA inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		b+c +d +e	40,614	84,158	118,414	132,214	139,314	288,534	803,248

²⁵ Nefqa 08.07.01 01 - Kooperazzjoni - Trasport (inkl. l-Aeronawtika) "Spejjeż operattivi għal attivitajiet ta' riċerka ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif".

²⁶ Nefqa 08.01.04 60 – "Infiq ta' appoġġ għal spejjeż rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif".

²⁷ Nefqa fil-kapitolu 08.07.01 barra Artikoli 08.07.01 04 jew 08.01.04 60.

Għall-PA, hija prevista skema li permezz tagħha 85% tal-kontribuzzjoni nominali titħallas bil-quddiem, u l-15% li jkun fadal tinżamm u titħallas wara li r-rapporti (tekniċi u finanzjarji) jkunu ġew approvati. Dan jispjega l-bidla bejn CA u PA.

Detalji tal-kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri, jew korpi oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), stima tal-livella ta' dan il-kofinanzjament għandu jiġi ndikat fit-tabella t'hawn taħt (linji addizzjonali jistgħu jiġu miżjuda jekk huma previsti korpi differenti għall-provvista tal-kofinanzjament):

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

Korp tal-kofinanzjament		2008	2009	2010	2011	2012	2013 and later	Total
Membri oħra ta' l-Impriża Konġunta	f	2,000	3,625	3,625	3,625	3,625	7,500	24,000
TOTAL CA inkluż il-kofinanzjament	a+c+d+e+f	49,481	94,106	127,106	137,456	144,106	275,812	828,067

Il-kofinanzjament ikkunsidrat hawnhekk huwa l-kontribut tal-Membri l-oħra għall-ispejjeż rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta, ugwali għall kontribut tal-Kummissjoni elenkat fi 8.2.4 (c). Il-bqija tal-kontributi tal-Membri l-oħra se jskunu kontributi mhux fi flus, għal kontribut totali ta' EUR 800 miljun.

Kif spjegat fit-taqsimu ta' l-Istatuti; il-Impriża Konġunta (JU) hija strutturata madwar 6 suġġetti teknoloġiċi msejja "Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata" (ITDs), u l-išhubija hija definita kif ġej:

- Il-Kummissjoni Ewropea
- Il-Mexxejja ta' l-ITDs
- Il-Membri Assoċjati ta' l-ITDs

Il-Kummissjoni hija prevista li tikkontribwixxi total ta' €800M fi flus kontanti lir-riżorsi tal-JU, maqsuma bejn l-ispejjeż Operattivi u Rikorrenti. Il-Membri l-oħra tal-JU u l-affiljati tagħhom jintrabtu għal €766M f'kontributi mhux fi flus, u €24M għall-ispejjeż tat-tħaddim.

Fil-bidu ta' l-operazzjonijiet tal-JU, il-Mexxejja ta' l-ITDs jintrabtu għal madwar 75% jew €600M tal-kontribuzzjonijiet f'oġġetti, waqt li l-Assoċjati jikkontribwixxu l-25% jew €200M li jkun fadal.

Sabiex titkabbar il-parteċipazzjoni fil-JTI, waqt li jkunu għaddejjin l-operazzjonijiet tal-JTI, il-Mexxejja ta' l-ITDs jittrasferixxu mill-inqas €200M mill-attivitajiet tagħhom lis-Sħab permezz ta' Sejħiet għal Proposti (sorveljati mill-Kummissjoni).

Dawn is-Sħab jikkontribwixxu b'oġġetti għal perjodu ta' żmien limitat u dwar attivitajiet speċifiċi, u ma jkunux Membri tal-JU.

Minkejja dan, huwa importanti li jiġi nnotat li l-Mexxejja ta' l-ITDs jintrabtu (li jħallsu f'oġġetti) għall-€200M l-oħra: f'każ (li mhux probabbli li jiġri) li s-Sejthiet għal Proposti kollha jibqgħu bla risposta, dawn jeżegwixxu dan ix-xogħol huma stess.

4.1.2. *Il-kompatibbiltà ma' l-Ipprogrammar Finanzjarju*

- Il-proposta hija kompatibbli ma' l-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.
- Il-proposta se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiv finanzjarju.
- Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali²⁸ (jiġifieri, l-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-perspettiv finanzjarju).

4.1.3. *L-impatt finanzjarju fuq id-Dħul*

- Il-proposta m'għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji fuq id-dħul
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

EUR miljun (sa l-ewwel post deċimali)

		Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tal-baġit	Id-dħul		[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] ²⁹
	a) <i>Id-dħul f'termini assoluti</i>							
	b) <i>It-tibdil fid-dhul</i>	Δ						

4.2. **Riżorsi Umani FTE (inklużi uffiċjali, Persunal temporanju u estern) – ara dettalji taħt punt 8.2.1.**

Ħtiġijiet annwali	2008	2009	2010	2011	2012	2013 u wara
Numru totali ta' riżorsi umani	3	3	3	3	3	3 kull sena

²⁸ Ara l-punti 19 u 24 tal-ftehim Interistituzzjonali.

²⁹ Kolonni addizzjonali għandhom jiġu miżjuda jekk ikun meħtieġ, jiġifieri jekk it-tul ta' l-azzjoni jaqbez is-6 snin.

5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

5.1. Il-ħtieġa li trid tiġi sodisfatta fi żmien qasir jew fit-tul

It-twaqqif ta' l-Impriża Konġunta bħala sħubija pubblika-privata; il-kontribuzzjoni tal-Komunità fi flus kontanti lir-riżorsi tal-JU se tintuża biex tikkofinanzja l-attivitajiet tar-riċerka fis-settur aeronawtiku, mmirati lejn Sistema tat-Trasport bl-Ajru li tirrispetta aktar l-ambjent u tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' l-ACARE SRA-2 (ara taqsima 1 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni għal deskrezzjoni aktar fid-dettal).

5.2. Il-valur-miżjud ta' l-involvimient tal-Komunità u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u sinerġija possibbli

Dan hu kopert fit-taqsima 1 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

L-għanijiet ġenerali huma koperti f'taqsima 1 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni, filwaqt li l-miri kwantitattivi huma speċifikati fis-Sommarju Teknoloġiku ta' Sema Nadif.

L-indikaturi adattati ġew identifikati f'valutazzjoni ta' l-impatt soċjo-ekonomiku u ambjentali indipendenti, li sar minn esperti esterni nominati minn Stati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom huma deskritti fit-taqsima 7.3 tad-dokumenti tal-Valutazzjoni ta' l-impatt.

5.4. Il-metodu ta' l-implimentazzjoni (indikattiv)

Il-Ġestjoni Ċentralizzata

direttament mill-Kummissjoni

indirettament b'delega lil:

Aġenziji eżekuttivi

korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet imsemmija fl-art. 185 tar-Regolament finanzjarju

korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

Ġestjoni maqsuma jew diċentralizzata

ma' Stati Membri

ma' Pajjiżi Terzi

Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)

Kummenti rilevanti:

Il-korp tat-tmexxija ċentrali ta' Sema Nadif huwa l-Bord Eżekuttiv, li fih il-Kummissjoni Ewropea għandha post ewlieni. Il-Bord Eżekuttiv huwa responsabbli għall-orjentament strateġiku ta' l-attivitajiet tal-JTI. Huwa magħmul mill-Mexxejja ta' l-ITDs (12 b'kollox), kif ukoll Assoċjat li jirrapreżenta kull waħda mill-ITDs, u finalment mill-Kummissjoni, li għandha d-dritt tal-veto fuq il-kwistjonijiet kollha li jimplikaw interessi pubbliċi.

It-tmexxija ta' kulljum hija f'idejn id-Direttur tal-JU (mgħejjun mill-persunal), li jaġixxi bħala rappreżentant ġuridiku tal-JU u jaġixxi b'mod kompletament indipendenti.

It-tmexxija teknika hija f'idejn il-Kumitati ta' Tmexxija ta' l-ITD li jiġbru fihom il-Membri kollha li qed jipparteċipaw f'dak l-ITD partikolari.

Il-Forum Ġenerali jiġbor fih rappreżentant ta' kull JTI parteċipant, u huwa korp konsultattiv li jaġti rakkomandazzjonijiet lill-korpi tat-tmexxija prinċipali.

Barra l-JU, hija prevista interazzjoni ma' numru ta' korpi: ACARE tkompli fuq il-progress tekniku tal-JTI u l-Grupp Rappreżentattiv ta' l-Istati Nazzjonali jinkludi speċjalisti biex jimmonitorjaw il-progress tal-JTI, iżda li jiffunzjonaw ukoll bħala intermedjarji biex jinformat lill-JU bl-Inizjattivi u l-Programmi Nazzjonali rilevanti fuq naħa waħda, u jinformat lill-komunità nazzjonali ta' l-industrija u tar-riċerka tagħhom bi kwalunkwe Sejħiet għal Proposti jew Offerti li joħorġu mill-JU Sema Nadif.

Barra dan, kemm il-JU u kemm il-Kummissjoni jistgħu jużaw is-servizzi ta' Bord Konsultattiv iffformat minn esperti indipendenti li jipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet xjentifiċi, tekniċi, finanzjarji u maniġerjali.

6. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

6.1. Is-sistema ta' monitoraġġ

L-abbozzi ta' l-istatuti ta' l-Impriża Konġunta jaħsbu għal miżuri speċifiċi ta' kontroll intern.

6.2. L-evalwazzjoni

6.2.1. L-evalwazzjoni ex-ante

Il-valutazzjoni ta' l-impatt meħmuża ma' din il-proposta, ibbażata fuq valutazzjoni ta' l-impatt soċjo-ekonomiku magħmula f'żewġ stadji minn bord ta' esperti esterni indipendenti, tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa minn evalwazzjoni ex-ante dwar it-twaqqif ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif.

6.2.2. Il-miżuri meħuda wara evalwazzjoni preliminari/ex-post (lezzjonijiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat)

Mhux applikabbli

6.2.3. *It-termini u l-frekwenza ta' evalwazzjonijiet futuri*

L-evalwazzjoni interna ta' l-Impriża Konġunta hija bbażata fuq rapport annwali dwar il-progress tal-proġett. Bord Konsultattiv għandu jintalab jagħmel evalwazzjonijiet preliminari tal-progress u jipprovi rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet xjentifiċi, tekniċi, finanzjarji u maniġerjali.

Barra dan, hija prevista evalwazzjoni f'nofs it-terminu minn ditta ta' konsulenza esterna, biex tevalwa l-adempjiment tal-proġett u tagħti kontribut għall-korrezzjonijiet.

7. **MIŻURI KONTRA L-FRODI**

L-Artikolu 14 tar-Regolamenti ta' l-Impriża Konġunta Sema Nadif jinkludi miżuri speċifiċi dwar miżuri kontra l-frodi

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom

Approprijazzjonijiet għall-impenji f' miljun EUR (sa 3 postijiet deċimali)

(L-intestaturi ta' l-għanijiet, l-azzjonijiet, u r-riżultati għandhom jingħataw)	Tip ta' riżultat	Spiża medja	2008		2009		2010		2011		2012		2013 u wara		TOTAL	
			Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali
L-ITD ta' l-Inġenji ta' l-Ajru Intelliġenti bi Ġwienaħ Fissi	Dimostratur	186,240		10,800		20,730		28,650		31,050		32,730	¹	62,280	186,240	
L-ITD ta' Inġenji Ħodor bir-Rotors	Dimostratur	77,600		4,500		8,638		11,938		12,938		13,638	¹	25,950	77,600	
ITD ta' l-Inġenji ta' l-Ajru Reġionali	Dimostratur	85,360		4,950		9,501		13,131		14,231		15,001	¹	28,545	85,360	
ITD ta' Magni Sostenibbli u Ħodor	Dimostratur	209,520		12,150		23,321		32,231		34,931		36,821	¹	70,065	209,520	
ITD ta' Sistemi għal Operazzjonijiet Ħodor	Dimostratur	147,440		8,550		16,411		22,681		24,581		25,911	¹	49,305	147,440	
ITD ta' l-Eko-Disinn	Dimostratur	54,320		3,150		6,046		8,356		9,056		9,546	¹	18,165	54,320	
L-Evalwatur tat-Teknoloġija	Mudell ta' evalwazzjoni	15,520		0,900		1,728		2,388		2,588		2,728	¹	5,190	15,520	
SPIŻA TOTALI		776,000		45,000		86,375		119,375		129,375		136,375	7	259,500	776,000	

Ir-riżultati ta' Sema Nadif ikunu jikkonsistu f'dimostraturi għad-diversi ITDs, u mudell ta' evalwazzjoni fil-każ ta' Evalwatur tat-Teknoloġija. Dawn ir-riżultati ikunu disponibbli fit-tmiem ta' l-attività tal-proġett. L-estimi tal-baġit t'hawn fuq jeskludu l-ispejjeż amministrattivi tal-Kummissjoni koperti hawn taħt fit-tabella 8.2.4, li huma ppareġġati b'kontribuzzjoni identika mill-membri l-oħra tal-JU biex jammontaw għal total ta' €48M.

8.2. In-Nefqa Amministrattiva

8.2.1. Numru u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' karigi		Persunal li se jiġi assenjat għat-tmexxija ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (numru ta' karigi/FTEs)					
		2008	2009	2010	2011	2012	2013 u wara/sena
Uffiċjali jew Persunal temporanju ³⁰ (XX 01 01)	A*/AD	2	2	2	2	2	2
	B*, C*/AST	1	1	1	1	1	1
Persunal finanzjat ³¹ bl-art. XX 01 02							
Persunal ieħor ³² finanzjat bl-art. XX 01 04/05							
TOTAL		3	3	3	3	3	3

8.2.2. Deskrizzjoni tax-xogħol li joħroġ mill-azzjoni

2 karigi FTE AD huma meħtieġa biex ikopru x-xogħol segwenti:

- Segwitu tekniku tal-progress fl-attivitajiet tal-JTI
- Komunikazzjoni mal-Grupp Rappreżentattiv ta' l-Istati Nazzjonali, l-ACARE u l-Kumitat tal-Programm tat-Trasport
- L-osservazzjoni tas-Sejħiet għal Proposti, tas-Sejħiet għal Offerti u tad-dħul ta' Membri ġodda
- Il-parteċipazzjoni f'laqgħat, ir-rappreżentanza tal-Kummissjoni fil-livell ta' Bord Eżekuttiv u tal-Kumitat tat-Tmexxija tad-Dimostratur tat-Teknoloġija Integrata
- L-organizzazzjoni ta' l-evalwazzjoni preliminari u dik finali
- It-twertieq ta' verifiki fuq il-post/verifiki tal-kontijiet
- Ir-rapport dwar il-progress tal-JTI

Barra minn hekk, hija prevista kariga waħda FTE AST biex tagħti appoġġ fix-xogħol fuq imsemmi.

³⁰ L-ispiża ta' dan MA HIX koperta bl-ammont ta' referenza.

³¹ L-ispiża ta' dan MA HIX koperta bl-ammont ta' referenza.

³² L-ispiża ta' dan hija nkluża fl-ammont ta' referenza.

Dawn il-funzjonijiet se jkopru s-segwitu tal-JTI minn għewwa l-Kummissjoni (jiġifieri komparabbli mal-funzjoni ta' 2 Uffiċjali tal-Proġett + appoġġ). Għalhekk dawn mhux se jiġu ssekondati lill-JU.

8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)

- Karigi fil-preżent allokatu għat-tmexxija tal-programm li għandhom jiġu mibdula jew estiżi
- Karigi allokatu minn qabel fl-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n
- Karigi li għandhom jiġu mitluba fil-proċedura APS/PDB li jmiss
- Karigi li għandhom jiġu mqasma mill-ġdid bl-użu ta' riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' tmexxija (tqassim mill-ġdid intern)
- Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhumiex previsti fl-eżerċizzju APS/PDB tas-sena in kwistjoni

8.2.4. Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nefqa fuq tmexxija amministrattiva)

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

Linja tal-baġit (isem u intestatura)	2008	2009	2010	2011	2012	2013 u wara	TOTAL
1 Għajjuna teknika u amministrattiva (inklużi spejjeż relatati tal-persunal)							
Aġenziji eżekuttivi ³³							
Għajjuna teknika u amministrattiva oħra							
- <i>intra muros</i>							
- <i>extra muros</i>	2,000	3,625	3,625	3,625	3,625	7,500	24,000
Total ta' għajjuna teknika u amministrattiva	2,000	3,625	3,625	3,625	3,625	7,500	24,000

L-ammonti elenkati hawn fuq ikopru l-attivitajiet ta' l-għeluq tal-JU (stmati li jdumu aktar mill-2015). Dawn jirrapreżentaw il-kontribuzzjoni ta' 50% tal-Komunità għall-ispejjeż rikorrenti ta' l-Impriża Konġunta.

Tintuża spiża medja ta' €117k fis-sena għall-AD/AST, u €51k fis-sena għall-esterni. Il-kontribut Komunitarju jammonta għal €11,4M.

³³ Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva speċifika ta' l-Aġenzija/i Eżekuttiva/i ikkonċernata/i.

Spejjeż rikorrenti oħra jinkludu: monitoraġġ ta' proġetti, attivitajiet ta' komunikazzjoni, laqgħat, vjaġġi u spejjeż *per diem*, spejjeż ta' l-uffiċċji, l-IT, l-awditjar... Il-kontribut Komunitarju jammonta għal €12,6M.

8.2.5. *Spiża finanzjarja tar-riżorsi umani u spejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	2008	2009	2010	2011	2012	2013 u wara
Uffiċjali u Persunal temporanju (08.07 01 01)	0.351	0.351	0.351	0.351	0.351	0.702
Persunal iffinanzjat permezz ta' l-Art XX 01 02 (awżiljarji, END, Persunal b'kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja tal-baġit)						
Spiża totali ta' spejjeż ta' Riżorsi Umani u spejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)	0.351	0.351	0.351	0.351	0.351	0.702

Kalkolu– *Uffiċjali u Aġenti temporanji*

Spiża standard €117 000/sena kull FTE

Kalkolu– *Persunal finanzjat skond l-art. XX 01 02*

8.2.6. Nefqa amministrattiva oħra mhux inkluża fl-ammont ta' referenza

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

	2008	2009	2010	2011	2012	2013 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet ³⁴	0.013	0.013	0.013	0.013	0.013	0.026	0.091
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati ³⁵							
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet ³⁶				0.350		0.350	0.700
XX 01 02 11 05 - Sistemi ta' informazzjoni							
2 Total ta' Nefqa Oħra tal-Maniġment (XX 01 02 11)	0.013	0.013	0.013	0.363	0.013	0.376	0.791
3 Nefqa oħra ta' natura amministrattiva (speċifika u inkludi r-referenza għall-linja tal-baġit)							
Nefqa Amministrattiva totali, barra spejjeż ta' riżorsi umani u spejjeż assoċjati (MHUX inkluża fl-ammont ta' referenzat)	0.013	0.013	0.013	0.363	0.013	0.376	0.791

Kalkolu - *Nefqa amministrattiva oħra mhux inkluża fl-ammont ta' referenza*

³⁴ Il-missjonijiet tal-persunal tal-Kummissjoni assenjat għall-proġett jiddependu fuq fejn tkun is-sede ta' l-Impriża Konġunta. Qed jiġi preżunt hawnhekk illi s-sede se tkun fi Brussell, u li l-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv jinżammu fis-sede.

Bħala kalkolu ta' l-ispiża tal-missjonijiet, qed tittieħed spiża medja ta' 1300€. Stima tan-numru ta' laqgħat hi: 2 uffiċjali, 4 darbiet kull sena, biex jattendu laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija ta' l-ITD; 2 missjonijiet addizzjonali.

³⁵ Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jiffirma parti minnu.

³⁶ Evalwazzjoni waħda interim u evalwazzjoni finali huma previsti, fuq inkarigu tas-servizzi tal-Kummissjoni.